# dawlFranġiskan

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN




MARZU 2010 – IT-30 SENA – GĦADD 298 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373

















3 **M'hemmx żmien x'jinħela**
Editorjal

4 **Bibbja**
minn P. Donat Spiteri OFMCap

6 **Reċensjoni**
minn Mons Lawrenz Sciberras

7 **Missjoni**
minn Fr Hilary Abola OFMCap

8 **Ġublew tal-Fidda - Fr Joe Buttigieg OFMCap**

12 **Il-Kapuċċini u l-Kappella ta' Santu Rokku 1874 - 1875**
minn Winston L. Zammit, B.A.,(Hons), P.G.C.E., M.A.

13 **Saħħtek**
minn Dr Chris Sciberras

14 **Novella**
minn Emily Barbaro Sant

16 **Ġustizzja**
minn Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar LL.D

17 **Vokazzjoni**
minn Br Dennis Calleja OFMCap

18 **Franġiskaneżmu**
minn Patri Ivan Scicluna OFMCap

21 **Kristjaneżmu**
minn Manwel Micallef

22 **Il-Kontribut tal-Poeta Reliġjuż fil-qasam tal-poeżija (1)**
minn Patrick Sammut

23 **Ġi.Fra**
minn Amy Zarb

24 **Is-Saċerdozju b'Lenti Franġiskana (2)**
minn Patri Mario Attard OFMCap

26 **San Pawl... Il-Poeta u l-Globalizzazzjoni (2)**
minn Philip E. Said

28 **Il-Bolol ta' Malta (21)**
minn Tony C Cutajar

29 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Katekeżi tal-Papa Benedittu XVI**
minn Harry Agius Ordway


**Ħlas ta' l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**

Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:

**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**



*Qoxra:*
**"Kurċifiss"**
*Ċentrali jidhru wkoll: San Franġisk u Sta Klara t'Assisi.*
**pittura ta' Piero Casentini (2005) li tinsab f'Valmontone, Ruma.**


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Gutenberg Press Ltd.
Tel: 2189 7037


*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*


© Dawl Franġiskan 2010
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



# MHEMMX ŻMIEN X'JINĦELA!

Fil-liturġija ta' nhar l-Erbgħa tal-Irmied, il-Knisja, hija u tqegħdilna l-irmied fuq rasna, tfakkarna personalment fl-ewwel kelmiet li Ġesù jgħid fl-Evanġelju skont San Mark: **"Indem u emmen fil-bxara t-tajba"** (Mk 1:15). Iżda qabel dan il-kliem, fl-istess vers, it-test ta' Marku jdaħħal frażi oħra mill-aktar importanti: **"Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet"**. Xi jfisser dan għalina?

Fi ftit kliem Ġesù qiegħed igħidli, **"... Isa, inżel minn hemm, għax illum jeħtieġli noqgħod għandek"** (Lq 19:5). Għal Ġesù mhux importanti x'kont ilbieraħ. Ma jimpurtahx jekk ilbieraħ jien kont żieni, faħxi, bla kontroll, idolatra, ġellied, mimli mibegħda, superstizzjuż, għajjur, inkurlat, ambizzjuż, mifrud, adulteru, rgħib, ħâli eċċ. Meta Ġesù jixħet fuqi ħarsa ta' mħabba (ara Mk 10:21) u jistieden ruħu b'idejh biex jiġi f'qalbi, x'jaqbilli nagħmel? Mhux li nieħu l-atteġġament ta' Żakkew u kollni ferħan ninżel bla telf taż-żmien mis-suppervja u 't-tjubija tiegħi', u kollni ferħan nilqgħu għandi? (ara Lq 19:5). Ma għandix inħabbel rasi mit-tqassis tan-nies:

- "Issa qed tmur il-Knisja?
- Insietu żmienha?
- Xebgħa jiġri wara kull dublett li jara?"

Ħalliehom lin-nies ħa jkomplu **"jgemgu bejniethom u jgħidu li għand wieħed midneb daħal jistrieħ"** (Lq 19:7). Tinkwetax. Ġesù serraħli rasi meta qalli: **"Bin il-Bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf"** (Lk 19:10).

U x'jiġra meta nindem? Bħal Żakkew, jiena nieqaf (ara Lk 19:8). Jiġifieri, wara li nagħraf il-ferħ li nħalli lil Ġesù jistrieħ f'qalbi, nieħu deċiżjonijiet prattiċi ta' konverżjoni. **"Ara Mulej, se nagħmel hekk u hekk"** (ara Lk 19:8). U neħodhom mhux għax obbligat nagħmilhom, imma għax ferħan (ara Lk 19:6) li issa Ġesù qiegħed jistrieħ f'qalbi (ara Lq 19:7). Issa li Ġesù qiegħed jgħix f'qalbi, hu għamilni ġeneruż, ġust, ferħan, safi, leali, magħqud, moderat, seren, eċċ. Għamilni bniedem ġdid. Il-preżenza ħajja ta' Ġesù f'qalbi għamlitni bniedem ġdid illum. U llum, ma' San Pawl, nista' ngħid b'qalbi kollha: **"Araw, issa hu ż-żmien it-tajjeb; araw, issa hu jum is-salvazzjoni!"** (2Kor 6:2).

**"Is-Saltna ta' Alla mhijiex ikel u xorb, imma hi ġustizzja, u sliem, u grazzja fl-Ispirtu s-Santu"** (Rm 14:17). Jiena msejjaħ biex illum immur niltaqa' ma' Ġesù, ħalli s-sewwa, is-sliem u l-ħniena tiegħu, isiru tiegħi. Ħa nqum ISSA mill-ħażen tiegħi! Isimgħu! Qiegħed isejjaħli! (ara Mk 10:49). •

# ULIED FL-IBEN





Mir-rivelazzjoni tat-Testment il-Ġdid nafu li Alla, biex jerfa' lill-bniedem mill-waqa' tad-dnub u jerġa' jqiegħdu fl-istat ta' ħbiberija miegħu, bagħatlu ħdejh fid-dinja lil Ibnu l-waħdieni mill-għoli tas-smewwiet, li sar bniedem u għammar fostna (Ġw 1:14).

**"Lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li emmnu f'ismu"** (Ġw 1:12). Minn dan l-aħħar kliem nifhmu li fl-ordni l-ġdid tar-restawrazzjoni soprannaturali l-bnedmin isiru wlied Alla fl-Iben li għalihom sar bniedem bħalhom. Isiru wlied Alla fl-għaqda tagħhom ma' Ibnu l-waħdieni billi jilqgħuh u jemmnu fih.

## ADAM IL-ĠDID

Alla Iben wieħed biss għandu, Ibnu l-għażiż li fih isib l-għaxqa tiegħu (Mt 3:17). Meta bagħatu fid-dinja, kif nemmnu li sar bil-misteru tal-Inkarnazzjoni, bagħatu bil-missjoni li **"jiġbor ġemgħa waħda l-ulied ta' Alla li kienu mxerrdin"** (Ġw 11:52). Hekk għamel Ġesù f'ħajtu bil-ħidma u l-kelma tiegħu. Ġie jsejjaħ l-ulied mitlufin ta' Alla biex jerġgħu lura f'dar Missierhom (ara Ġw 11:52). Imma jerġgħu lura bħala wlied Alla kif kienu maħluqin fil-bidu skond il-pjan ta' Alla għalihom. Għalhekk, l-ewwel kellhom **"jiġġeddu b'tibdila spiritwali tal-fehma tagħhom u jilbsu l-bniedem il-ġdid, maħluq skond Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija tassew"** (ara Ef 6:23).

Il-bniedem il-ġdid hu Ġesù Kristu jew kif isejjaħlu San Pawl, hu Adam il-ġdid. San Pawl jagħmel paragun antitetiku bejn Adam u Ġesù Kristu. L-ewwel Adam **"kien xbieha ta' dak li kellu jiġi"** (Rm 5:14) biex ikun it-tieni Adam, u jsewwi dak li ħassar l-ewwel Adam.

- Il-wieħed, tal-ewwel, hu l-awtur tad-dnub, tal-kundanna u tal-mewt;
- it-tieni hu l-awtur tal-grazzja, tal-ġustifikazzjoni u tal-ħajja.

Hekk kif ikompli San Pawl, **"Fejn kotor id-dnub kotrot fuq li kotrot il-grazzja"** (Rm 5:20). Il-grazzja ta' Kristu rebħet fuq id-dnub ta' Adam u tatna l-ħajja b'abbundanza akbar (ara Ġw 10:10).

Il-grazzja ta' Kristu, it-tieni Adam, hi aktar prezzjuża minn dik li kellu l-ewwel Adam u li tilifha għalih u għalina wliedu. Hi l-grazzja tal-Iben il-waħdieni, li hu fi ħdan il-Missier, li sar bniedem bħalna u ġie jgħammar fostna, **"mimli bil-grazzja u l-verità"**, u mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna, grazzja fuq grazzja" (Ġw 1:14,16) L-Iben ta' Alla niżel minn ħdan il-Missier u sar bniedem bħalna. Imma baqa' bħala bniedem ukoll imżejjen, anzi **"mimli"** bil-glorja tad-divinità tiegħu bħala l-veru Iben ta' Alla.

Meta ġie fostna l-bnedmin, ġie mimli bil-grazzja u l-verità (charis kai aletheia), l-attributi proprji tiegħu bħala l-Iben il-waħdieni ta' Alla jew ta' Alla veru li hu. Mill-milja tiegħu aħna l-bnedmin li ltqajna miegħu ħadna grazzja aktar abbundanti u aktar prezzjuża minn dik li stajna ħadna mill-ewwel Adam. Din hi l-grazzja ta' Kristu, li biha fl-għaqda tagħna miegħu niksbu l-ogħla dinjità li qatt jista' jkollna; li jkollna sehem miegħu fin-natura divina tiegħu.

## SIEĦEB MA' ALLA

Din il-verità kbira jgħarrafhielna l-awtur tat-2 ittra ta' San Pietru b'dan il-kliem misterjuż li kiteb lill-Insara li kienu kkonvertew mill-ħajja pagana: **"Bis-saħħa ta' dawn (id-doni) huwa (Ġesù Kristu) tana l-egħżeż u l-akbar ġid li kien wegħedna, biex bih... tissieħbu fin-natura ta' Alla"** (2Pt 1:4). **"In-natura ta' Alla (theia physis) hi d divinità ta' Alla, dak li Alla hu fih innifsu u minnu nnifsu. Din l-istess natura divina hi wkoll tal-Iben li ħadha mingħand il-Missier u li għalhekk, bħalu u daqsu hu Alla veru, "natura waħda mal-Missier"**. Ġesù Kristu mbagħad, **"il-Verb li sar bniedem u għammar fostna"** (Ġw 1:14), lil dawk li laqgħuh u emmnu fih bħala l-veru Iben ta' Alla seħibhom miegħu fl-istess natura tiegħu ta' Alla. Dan tfisser il-kelma Griega koinonoi, **"sħab"**, u koinonia, **"sħubija"**, sehem, komunjoni (ara Lq 5:10). Mela, hu fl-għaqda tagħna ma' Ġesù Kristu, l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li aħna nsiru wkoll ulied Alla – bih, miegħu u fih.

L-għaqda tagħna ma' Ġesù Kristu sseħħ l-ewwel nett bil-fidi tagħna fih. Hu bil-fidi li tiġi mill-kelma tal-Evanġelju, li niltaqgħu l-ewwel darba miegħu, nagħrfuh u nilqgħuh bħala s-Salvatur tagħna (Rm 10:17; Ġw 1:12). Il-fidi f'Ġesù Kristu hi l-bidu u l-kontinwazzjoni tal-għaqda tagħna miegħu. U aktar ma nikbru fil-fidi fih, aktar nissaħħu fl-għaqda tagħna miegħu. Imbagħad għandna s-sagramenti. Il-magħmudija: is-sagrament tat-twelid ġdid. **"Jekk wieħed ma jitwellidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-Saltna ta' Alla."** (Ġw 3:5). Wara li nitwieldu mill-bnedmin u nsiru wlied il-bniedem, bil-magħmudija nitwieldu mill-ġdid minn Alla u nsiru wlied Alla (Ġw 1:12-13). Imma dan kollu minħabba l-għaqda tagħna ma' Ġesù Kristu, li fih inkunu emminna. **"Intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammdin fi Kristu, ilbistu 'l Kristu"** (Gal 3: 26-27).

U l-Ewkaristija: is-sagrament tal-għaqda tagħna ħaġa waħda ma' Ġesù Kristu; is-sagrament li bih Ġesù jgħix fina u aħna fih. **"Min jiekol ġismi u jixrob demmi jibqa' fija u jiena fih"** (Ġw 6:56).

Bi kliem aktar ċar, bl-eżempju tad-dielja u l-friegħi, Ġesù nnifsu jfissrilna din il-verità. Jgħidilna: **"Ibqgħu fija u jiena nibqa' fikom... Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena nibqa' fih, dan jagħmel ħafna frott... Ibqgħu fl-imħabba tiegħi"** (Ġw 15:1-10).

Santu Wistin jagħtina riflessjoni sabiħa fuq din l-allegorija tad-dielja u l-friegħi. Jgħidilna: **"Tal-istess natura waħda huma d-dielja u l-friegħi. Għalhekk l-Iben ta' Alla, li aħna m'aħniex tan-natura tiegħu, sar bniedem, biex fih ikun hemm id-dielja tan-natura umana li fiha stajna nkunu bħal friegħi aħna l-bnedmin"** (ML 35, 1899).

Aħna l-bnedmin qatt ma konna nistgħu nkunu fl-Iben ta' Alla kieku hu ma sarx bniedem bħalna. Imma hu għalhekk sar bniedem biex bih u fih il-bniedem isir **"alla"** jew ikollu sehem fin-natura ta' Alla (2Pt 1:4).

Hu fl-għaqda soprannaturali tagħna ma' Ġesù, l-Iben ta' Alla, li aħna nsiru wlied Alla. **"L-iben waħdieni ta' Alla ried jagħtina sehem min-natura tiegħu ta' Alla u għalhekk ħa n-natura tagħna biex hu jsir bniedem ħalli aħna nsiru allat"** (San Tumas ta' Aquino, Op. 57, lect. 1 4).

Dan hu wkoll is-sens tat-talba qasira li jgħid is-saċerdot waqt il-quddiesa x'ħin jixħet ftit ilma fil-kalċi, li jkun fih l-inbid għall-konsagrazzjoni: **"Bil-misteru ta' dan l-ilma u l-inbid ikollna sehem fin-natura divina ta' Kristu, kif hu jissieħeb magħna fin-natura tagħna l-bnedmin"**. •

PATRI DONAT SPITERI OFMCAP

## MIDALJA: QADI TAR-REPUBBLIKA



L-istudji bibliċi u l-ħidma ta' Evanġelizzazzjoni ta' Patri Donat Spiteri, Kapuċċin, ikunu apprezzati u rikonoxxuti fuq livell uffiċjali u nazzjonali bl-għotja tal-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika mill-President ta' Malta, l-E.T. Dr George Abela, nhar it-13 ta' Diċembru 2009. Iċ-ċerimonja saret fil-Palazz Presidenzjali, il-Belt Valletta.

- Patri Donat kien ordnat saċerdot it-13 ta' Marzu 1948. Studja l-Iskrittura fl-Università Gregorjana, Ruma, u fl-Istitut Bibliku tal-istess Università.
- Għal għadd ta' snin kien kappillan tal-parroċċa tat-Trinità, il-Marsa u San Ġwann.
- Għallem l-Iskrittura fis-Seminarju tal-Kapuċċini tal-Provinċja Maltija, u kien Professur tal-Istudji Bibliċi fil-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta.
- Wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda Biblika Maltija, u President tal-istess Għaqda sa mill-1988.
- Membru tal-Kummissjoni tat-Traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti.
- Awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet, ħafna minnhom dwar il-Kotba Mqaddsa u mill-1974 jieħu ħsieb il-fuljett Kliem il-Ħajja.
- Kontributur regolari fuq Radju RTK u mezzi oħra tax-xandir.

Minħabba li Patri Donat Spiteri jinsab rikoverat fid-Dar tal-Kleru u allura ma setgħax jattendi, Fr Martin Micallef OFMCap irċieva f'ismu din l-onorifiċenza fil-preżenza tal-ogħla Awtoritajiet ċivili u ekkleżjastiċi.

Id-Direzzjoni ta' Dawl Franġiskan f'din l-okkażjoni tifraħ u tawgura lill-Patri Donat Paċi u Ġid, filwaqt li tirringrazzjah għall-kitbiet bibliċi tiegħu fir-rivista b'risq il-qarrejja. •

# "Il-MASTRUDAXXA TA' NAZZARET"

## 108 PAĠNA, ILLUSTRAT, €6.00

San Ġużepp huwa qaddis imġeżwer fil-misteri kbar marbuta ma' familja kollha kemm hi speċjali. Alla lilu għażel, u għabbieh bir-responsabbiltà biex jerfa' l-piż u jwieġeb quddiem l-awtoritajiet Lhud għal dik il-familja. Mhux biss, imma dan il-mastrudaxxa għatta għal quddiem in-nies ta' din id-dinja dak li kien imħejji sa mill-eternità rigward it-twelid tal-Verb magħmul bniedem.

Wieħed però ma għandux jaqla' jew iġenneb il-ħajja ta' dan il-mastrudaxxa mill-ambjent purament li fih twieled, għex, trabba u miet. Dak kollu li huwa marbut mal-ambjent soċjali u reliġjuż tal-Lhud: Mela l-ħarsien ta' jum is-Sibt, il-ħarsien tal-festi prinċipali, speċjalment dik tal-Għid tal-Lhud, iċ-ċerimonja taċ-ċirkunċiżjoni lit-tarbija Ġesù, il-preżentazzjoni ta' Ġesù meta kellu biss erbgħin jum, it-talb preskritt ta' kuljum fil-familja flimkien mal-bosta debħiet u l-għexur li kull kap tal-familja kellu jagħmel fit-tempju ta' Ġerusalemm, dan kollu għamlu l-ġust Ġużeppi.

Taqsima oħra interessanti f'dan il-ktieb ġdid hija l-kwalità ta' paternità li dan Ġużeppi kellu vis-a-vis it-tifel u martu Marija li ġew afdati taħt il-ħarsien sħiħ tiegħu. Skond il-liġi Musajka Ġużeppi kien missier Ġesù, il-mastrudaxxa għalhekk kellu jieħu ħsieb ukoll tal-għajxien tat-tifel, tal-edukazzjoni tiegħu, u xejn anqas ta' kull forma oħra ta' ħarsien u responsabbiltà.

Il-ktieb jiġbor ukoll tagħrif meħud mid-diversi tagħlim ta' Missirijiet il-Knisja dwar San Ġużepp kif ukoll dokumenti tal-Papiet matul il-pontifikat tagħhom. Għaliex il-mexxejja tal-Knisja dejjem raw parallelliżmu kbir bejn San Ġużepp u t-tmexxija tal-Knisja afdata lilhom. Fl-aħħar tal-ktieb hemm ukoll kurunella li għandha aktar minn mitt sena li tant tfaħħar il San Ġużepp.

Ta' min għalhekk jakkwista kopja ta' dan il-ktieb tal biblista Mons. Lawrenz Sciberras. Fil gżejjer tagħna hawn devozzjoni tassew qawwija lejn dan il-qaddis. Parroċċi sħaħ iddedikati lilu, fratellanzi, altari b'tant tiżjin, ismijiet ta' nies, toroq, djar, baned, statwi u niċeċ, ecc. Imma hemm bzonn li din l-imħabba lejn San Ġużepp tkun aktar ġenwina u safja u fuq kollox Biblika.

Dan il-ktieb għalhekk jgħinna biex naslu għal dan kollu. Kopji tal-ktieb jinsabu fil-librerjiji prinċipali tal-gżira jew jista' jordnahom direttament minn għand l-awtur, Tel: 21551420. Ix-xahar ta' Marzu li huwa ddedikat kollu lil dan il-qaddis huwa żmien biex jixprunana nkabbru l-imħabba lejn dan il-qaddis ħarries tal-familji insara. •







# Il-Bikja

Kull filgħodu u filgħaxija ma nismgħax ħlief il-bikja taċ-ċkejkna Sofija bint Gamila, il-ġara li hemm toqgħod fl-għalqa qrib id-dar tagħna. Il-bikja kienet tinkiser biss ftit waqtiet meta ċ-ċkejkna ssib xi id ħanina li trejjaqha. B'hekk tinsa' xi ftit il-ġuħ li jaħkem fuqha bla ħniena.

Il-bikja ta'Sofija nħossa bħal xewka f'qalbi li tniggiżni l-iżjed waqt il-qsim tal-ħobż li Alla jagħtini b'radd il-ħajr għall-għaraq ta' ġbini. Ħafna drabi kelli nistor in-niket għax ma rajtx il-ħlejqa tterraq barra. Imma meta lmaħtha, għajjatilha u b'ferħ ta' aħwa qsamna flimkien il-ġid u l-ġabra li tagħni Alla b'ħażna għall-iżmna.

## IT-TFULIJA TA' TIFLA

Omm Sofija għamlet kemm setgħat biex tfittex xi ftit ħbub għalkemm qatt ma ħabblet rasha minn fejn se ssib l-għixien tagħha, ta' żewġha s-sakranazz u ta' bintha ċkejkna niexfa għuda tissielet mal-mewt u l-ħajja.

Il-flus ta' frott il-ħidma, serq jew żina huma kollha xorta waħda quddiem kejla qamħirrun u faxx ħaxix għall-ikel. L-aqwa li tinstab l-għaxja ta' lejla. Mill-bqija l-lejl ikennen lill-ħajjin f'raqda li tnessi l-ġuħ, il-biki u kull ħsieb ieħor b'togħma qarsa. Omm Sofija ma felħitx iżjed tissielet mal-ħajja u mal-ewwel raġel li ta ftit flus f'idejha telqet kollox u marret



tgħix miegħu. Sofija nġabret mat-tfal oħra li baqgħu jduru ma' djul nannitha. Bis-sewwa jew bid-dnewwa l-jiem għaddew u Sofija bdiet taqdef għal rasha biex tfittex xi ħaġa li tista' titrejjaq biha. Ma' sbiħ il-jum kienet tiġi tfittex xi frotta jew tnejn li jkunu waqgħu mal-lejl bir-riħ minn siġra li hemm imħawwla ħdejn id-dar tagħna.

Mhux l-ewwel darba li sellimt lil Sofija biex tibqgħa ssaltan bejnietna l-imħabba ta' bejn il-bint u missierha. Imma l-mistħija għal għemilha dejjem rażżanha biex la terfgħa għajnejha lejja u lanqas tlissen kelma jekk mhux xi waħda minn taħt l-ilsien.

Iż-żmien ma jistenna lil ħadd. Sofija tfarfret u tħaltet ma' tfal oħra l-iskola b'tama kbira li xi darba tikseb dak li qatt ma rat fi ċkunitha. Bla ma riedet tgħallmet mingħand sħabha kif għandha tħaddem moħħha għall-qligħ il-flus.

## MARA MAGĦMULA

Fi xbubitha Sofija kienet il-ġabra tal-ġmiel li setgħa joħloq Alla f'suret il-mara. Tiddandan bi ġmielha kont tarha sserdek ma' kull żgħażugħ li jitfgħa għajnejh fuqha, imma qatt ma riedet irbit. Għaliha ħajjitha kienet bħal naħla li ddur minn warda għal oħra tieħu biss dak li jogħġobha: Tfittex biss qligħ iż-żina.

Sofija għebet fil-baħħ taż-żminijiet u qajla kont tilmaħ dellha fl-inħawi ta' fejn trabbiet - għalkemm f'qalbi kienet għadha tleħħ minn żmien għal żmien.

Kien żmien it-tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa - għadni niftakar qisu llum - meta ġiet xwejħa u talbitni biex immur nara lil bintha.

Ix-xwejħa ħaditni ftit 'il bogħod u daħħlitni f'għarix imdawwal bin-nar ta' ftit ħatab li kien jaqbad. Fuq mitraħ għall-qiegħa tal-art rajt mara mgħaddma. Kif inżilt għarkobbtejja ħdejn il-marida biex inkellimha, għajnejjna ltaqgħu u bħal ssammru flimkien. Iddemgħu għax moħħna ħadna fiż-żmien tal-imħabba għal xulxin. Illum il-bikja ta' Sofija ma għadiex tal-ġuħ, imma tal-indiema għaż-żeblieħ li tat 'l Alla. Il-mara bkiet għax ħasset fuqha t-tbeżbiża ta' Alla.

Niedma minn dnubietha u maħsulha bl-ilma tal-Magħmudija l-bikja ta' Sofija li nifditli qalbi maż-żmien inbidlet f'ferħ għax l-anġlu ta' Alla ma damx ma radd ruħha 'l Alla. •



# Fr Joe Buttigieg OFMCap

# 25 SENA SAĊERDOT TAL-KNISJA FI ĦDAN L-ORDNI FRANĠISKAN KAPUĊĊIN

Jekk illum jien għadni saċerdot, dan għax Alla, li sejjaħli u għażilni, hu fidil! Għalhekk, l-okkażjoni tal-ewwel 25 sena bħala saċerdot tal-Knisja fi ħdan l-Ordni Franġiskan Kapuċċin hija okkażjoni ta' radd il-ħajr lil Ġesù, il-Kristu t'Alla, tas-sehem li jagħtini kuljum mis-saċerdozju tiegħu bħala l-Qassis il-Kbir, l-Altar u l-Vittma.

Minkejja d-dgħufijiet u dnubieti, Alla jsibni dehen li nkun afdat b'ministeru bħal dan, li Kristu jkun preżenti fija u permezz tiegħi jasal għand l-oħrajn.

Minħabba f'dan is-sehem mogħti lili fis-saċerdozju tal-Qassis il-kbir ta' Patt il-Ġdid, jien, bħala saċerdot, ma nħossnix iktar saċerdot skont l-Ordni ta' Melkisedek, imma skont l-Ordni ta' Ġesù, il-Kristu t'Alla!

Jum l-Ordinazzjoni saċerdotali tiegħi għat-talba konsagratorja u t-tqegħid tal-idejn ta' Mons. Isqof Ġużeppi Mercieċa, illum Arċisqof Emeritu, kien is-Sibt 5 ta' Jannar 1985, lejlet

is-solennità tal-Epifanija. Il-Liturġija kienet tas-solennità. Dakinhar jien kont rajt it-twettiq tal-kelma li Alla kien tani meta kont wasalt biex nagħmel il-Professjoni Perpetwa tiegħi fi ħdan l-Ordni Franġiskan Kapuċċin (25-06-1984), meta l-Mulej kien qalli: **"Jien għażiltek biex tkun profeta għal ġnus"**.

Għal dawn il-25 sena ma' stajtx nasal waħdi. Ħafna kienu dawk li għenuni nasal s'hawn:

- **il-ġenituri li nissluni**
- **il-familja tiegħi,**
- **l-għalliema,**
- **il-patrijiet,**
- **il-ħbieb, u**
- **ħafna nies li Alla qedni fosthom jew bagħatni għandhom.**

Ħafna kienu dawk li għamlu miegħi iktar milli forsi jien għamilt magħhom, hekk li ħafna drabi sibtni iktar nirċievi milli nagħti. Għinuni wkoll dawk li għamluli ħafna ħsara u minħabba f'hekk kelli nbati.





Fr Joe Buttigieg OFMCap

# 25 SENA SAĊERDOT TAL-KNISJA FI ĦDAN L-ORDNI FRANĠISKAN KAPUĊĊIN



Dawn il-25 sena ħaduni f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja: l-Italja, il-Kenja, it-Turkija, il-Ġermanja. Hawn iltqajt ma' ħafna nies, ma' kulturi u drawwiet differenti, ma' nies ta' twemmin ieħor. Tgħallimt li faċli tiġġudika, imma diffiċli tifhem. Dan ukoll ta s-sehem tiegħu biex jiena nistagħna bħala persuna, bħala nisrani u bħala saċerdot Franġiskan Kapuċċin.

Is-saċerdot huwa magħżul u msejjaħ biex ikun ma' Ġesu, jagħmilha miegħu, isir jafu, ħalli mbagħad jagħmlu magħruf bil-ħajja tiegħu, bix-xandir tal-Kelma u bit-tħaddim tas-Sagramenti.

Ġublew tal-Fidda mhux biss okkażjoni biex wieħed iħares lura, biex irodd ħajr lil Alla ta' dak kollu li jkun għamel miegħu jew permezz tiegħu, imma wkoll huwa okkażjoni biex wieħed iħares 'il quddiem b'saqajh fl-art illum biex, jekk jista' jkun, dan il-Ġublew tal-Fidda, issa jsir tad-Deheb!



Għalhekk, il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Jannar 2010, fil-knisja Arċipretali u Matriċi ta' Santa Katerina Verġni u Martri, xtaqt li tkun mument fejn il-ħarsa tiegħi u ta' dawk kollha li konna hemm, ma tkunx fuqi, imma fuq Ġesù, il-Qassis il-Kbir tal-fidi tagħna. Xtaqt li kulħadd isir jaf x'don ta' mħabba għandna f'Ġesù.

L-Arcipriet tal-imsemmija parrocca, is-sacerdoti konċelebranti, l abbatini, il 'Music Ministry' tal-Komunità 'Bread of Life' tal-GOGICC, ommi, il-familja tiegħi, qrabati u n-nies li kienu preżenti, għenu biex ir-radd ta' ħajr lil Alla ta' dawn l-ewwel 25 sena minn kemm ilni saċerdot tal-Knisja, ma jkunx tiegħi waħdi, imma jkun tagħna lkoll bħala Knisja, fraternità Provinċjali, familja u ħbieb.

Ma' ħuti fil-fidi jiena nisrani, għalihom jiena saċerdot. •

Is-saċerdot huwa magħżul u msejjaħ biex ikun ma' Ġesu, jagħmilha miegħu, isir jafu, ħalli mbagħad jagħmlu magħruf bil-ħajja tiegħu, bix-xandir tal-Kelma u bit-tħaddim tas-Sagramenti.





# IL-KAPUĊĊINI U L-KAPPELLA TA' SANTU ROKKU 1874 - 1875



JEAN PAUL DE LASCARIS CASTELLAR
(French)
Elected 1636, Died 1657.

Meta fl-1643, il-Gran Mastru Jean Paul Lascaris de Castellar (1636-1657) barra l-isptar tal-Kwarantina (Lazzarett) fil-Gżira, fil-port ta' Marsamxett (illum Manoel Island) ħa ħsieb li faċċata tagħha fis-swar tal-Floriana jibni kappella ddedikata lil Santu Rokku biex permezz tal-quddies li jiġi ċelebrat fiha, in-nies miżmuma fl-Lazzarett setgħu jaqdu d-dmirijiet spiritwali tagħhom. (1)

Iċ-ċelebrazzjoni tal-quddies f'din il-kappella fil-bidu tas-snin70 tas-seklu XIX, u bejn l-1874 u l-1875 kien f'idejn il-Patrijiet Kapuċċini, kif joħroġ ċar minn numru ta' ittri li jinsabu fl-Arkivju Nazzjonali. Fl-20 ta' Ġunju 1874 is-Segretarju prinċipali Sir Victor kiteb din l-ittra lill-Provinċjal tal-Patrijiet Kapuċċini:

*Sir,*

*The quarantine regulations being temporarily in force in the LAZZARETTO, I am directed by H.E. the Governor to request you to resume the spiritual duties formerly offered by the Fathers of your Order to that Department and you will take the necessary steps to have the chapel of St Roque prepared with the church furniture.* (2)

Fl-istess jum Sir Victor kiteb lill-Assistent Segretarju Militari u nfurmah li l-kappella ta' Santu Rokku kienet se terġa' tintuża għall-ħtiġijiet spiritwali tan-nies li kienu fil-kwarantina u biex il-Kapuċċini jkollhom aċċess għall-kappella bħal qabel (3).Minn dawn iż-żewġ ittri wieħed jiġbor numru ta' konklużjonijiet:

1. li l-quddies f'din il-kappella kien isir biss meta kienu jiġu nfurzati r-regolamenti tal-kwarantina u wara ma kinetx tintuża.
2. Li l-Kapuċċini kienu diġà taw is-servizz tagħhom fiha qabel l-20 ta' Ġunju 1874.
3. Li meta kienet tkun se tintużża, il-Kapuċċini kienu jieħdu ħsieb jarmawha bl-affarijiet meħtieġa. Dan ifisser li dak li kien meħtieġ għall-Kult Divin u ma kienx jinżamm fil-kappella meta tkun magħluqa.
4. U biex il-Kapuċċini jidħlu jqaddsu fiha kelllha bżonn il-permess tal-Militar.

Il-Kapuċċini bdew jagħtu s-servizz tagħhom f'Ġunju 1874, u baqgħu jagħtu dan is-servizz sa Diċembru 1874. Permezz t'ittra tal-10 ta' Diċembru 1874, il-Provinċjal ġie nfurmat li s-servizz tal-Kapuċċini ma kienx meħtieġ aktar u għaldaqstant ġie mitlub biex jagħti ċ-ċavetta tal-kappella lill-uffiċċjal Kmandant tal-Inġinieri. (4)

Iżda l-Kapuċċini ma damux wisq li rritornaw u dan permezz t'ittra oħra tad-data tal-20 ta' Frar 1875. Sir Victor reġa' talab lill-Provinċjal tal-Kapuċċini, sabiex il-Patrijiet jerġgħu jibdew jagħtu s-servizz tagħhom f'din il-kappella (5). Permezz t'ittra bl-istess data l-Assistent Segretarju Militari ġie mitlub, biex jagħti l-aċċess meħtieġ bħal qabel lill-Kapuċċini(6). •

(1) A Ferris "Descrizione delle chiese di Malta e Gozo" (1866) p.246
(2) A(rkivju) N(azzjonali) M(alti) C.S.G. /04/45 No 3952
(3) Ibid, No 3953
(4) A.N.M. CSG/04/46, No 4825
(5) Ibid. No 5162.
(6) Ibid. No 5163

Dr Chris Sciberras M.D., M.R.C.P.C.H (UK), M.Sc. Comm.Paed (Warwick), D.C.H (Dublin), Cert. Dev.Paed. (London), Paediatrician and Specialist in community child health



# L-ACNE FIT- TFAL U FL-ADOLOXXENTI

L-acne, li bil-latin tissejjaħ "Acne Vulgaris", hija l-aktar kundizzjoni komuni tal-ġilda. Din timmanifesta ruħha f'ponot l-aktar fuq il-wiċċ, għonq, sider, dahar, spallejn u l-parti ta' fuq tad-dirgħajn. Dawn il-ponot jikkonsistu f'pori miżdudin u jidhru bħala ponot suwed (blackheads) jew bojod (whiteheads) kif ukoll jistgħu jiżviluppaw f'ċesti u boċoċ (nodules) akbar.

Għalkemm l-acne mhijiex marda fatali u xi drabi tfiq weħidha, taf tħalli marki permanenti fuq il-persuna u teffettwa lil dak li jkun kemm fiżikamanet kif ukoll psikoloġikament. Minkejja dan, bil-kura speċjalizzata li hawn illum, l-acne tista' tiġi kkontrollata sew u l-problemi jiġu evitati bl-anqas diffikultajiet.

L-acne tista' teffettwa lil kulħadd l-aktar dawk li jkollhom lil xi ħadd fil-familja. L-acne taffettwa l-aktar lit-tfal fiż-żmien tal-pubertà u taf tkompli sa kemm jaqbżu l-għoxrin jew tletin sena.

Fl-acne, il-glandoli taż-żejt li jinsabu fil-ġilda jipproduċu żejt żejjed u għalhekk jagħmlu l-ġilda aktar żejtnija. Dan iż-żejt flimkien maċ-ċelloli tal-ġilda jsoddu l-pori tal-ġilda u b'hekk il-mikrobi jiżdiedu u tinħoloq sistema ta' infjammazzjoni, bi ħmura u nefħa fil-ġilda madwar dawn il-pori.

Il-kura tal-acne tinkludi diversi metodi. Dawn jinkludu:

- ħasil tal-wiċċ,
- sapuna speċjali għad-dahar,
- dlik apposta għall-ponot ta' fuq il-wiċċ kif ukoll
- kors ta' antibijotiċi għall-perjodu ta' xhur.

Ċerti każi jingħataw il-contraceptive pill kemm biex tikkura l-acne, kif ukoll bħala kontraċettiv ma' mediċini oħra għall-acne li ma jistgħux jingħataw fit-tqala.

Il-make-up jaggrava l-acne għax isodd il-pori aktar, għalhekk l-aħjar li wieħed jevita dan kemm jista' jkun. Sun blocks u foundation creams għandhom ikunu oil-free għax inkella jafu jsoddu l-pori tal-ġilda aktar u jaggravaw l-acne. Important ħafna li wieħed jevita li jifqa' l-ponot għax dan jaf jirriżulta f'marki permanenti fuq il-ġilda.

Id-dieta mhix importanti fil-kura tal-acne għax iż-żejt tal-ġilda ma jżidx mill-ikel li nieklu u m'hemm l-ebda dieta speċjali li tfejjaq jew tiggrava l-acne.

Il-kura tal-acne taf iddum ma turi riżultati u ġieli jgħaddu bejn 6 – 8 ġimgħat biex jibda jidher xi progress fil-kura. Minkejja dan huwa importanti ħafna li wieħed jibqa' jieħu l-kura għaż-żmien kollu li kien preskritt u mhux jaqbad u jieqaf qabel għax inkella l-kura ma tagħtix ir-riżultati mistennija.



# JIMMY EŻEMPJU GĦALINA LKOLL



Kien nofsinhar. Il-kappillan kien wasallu l-ħin biex jagħlaq il-knisja. Hu u sejjer dak il-ħin biex jitlob.

Kien tbexxaq il-bieb ta' wara u raġel imdaħħal fiż-żmien, beda riesaq lejn l-altar. Għad-dehra tiegħu, il-kappillan inħasad. Ir-raġel kellu leħja li kienet ilha ma titqaxxar xi jiem. Kien liebes qmis qadima u l-kowt li kellu fuqu kien jidher li għadda żmienu. Ir-raġel intefa' għarkubbtejh, baxxa rasu, sellem, qal xi ħaġa minn taħt l-ilsien, qam u reġa' mexa 'l barra.

Iż-żjara ta' dan ir-raġel fil-knisja f'dan il-ħin ta' nofsinhar baqgħet sejra għal xi jiem. Kull darba kien jinżel għarkubbtejh għal ħin qasir, isellem, jgħid xi ħaġa u jitlaq. F'idu kien iġorr borża b'xi ħaġa fiha.

Il-kappillan tħasseb u ssuspetta li dan ir-raġel seta' kien xi ħalliel. Iddeċieda li xi darba jwaqqfu u jistaqsih x'jiġi jagħmel dejjem fl-istess ħin għal mument daqshekk qasir. Ir raġel, bil kalma kollha wieġbu li kien jaħdem ġo fabbrika ftit 'il bogħod mill-knisja. Il-waqfa għall-ikel kienet biss ta' nofs siegħa u f'din in-nofs siegħa kien irid imur u jiġi, jitrejjaq u jitlob għax fit-talb kien isib il-qawwa u s-saħħa.

**"Nista' noqgħod ftit mumenti biss,"** qal Jimmy (għax hekk kien jismu x-xwejjaħ) lill-kappillan, **"għax il-fabbrika fejn naħdem hija ftit imbiegħda. Għandi biss ħin ninżel għarkubtejja, insellem u ngħid talba żgħira"**. Għal din l-istqarrija tax-xwejjaħ, il-kappillan stagħġeb u daħal fih innifsu. Meta ġie f'tiegħu, qallu; **"Tajjeb wisq. Merħba bik. Ejja meta trid u x'ħin trid"**. Sadattant, Jimmy kien sarlu l-ħin biex jitlaq. Radd ħajr lill-kappillan, sellem lis-Sagrament u għaġġel lejn il-bieb. Il-kappillan, dak il-ħin, niżel għarkubbtejh quddiem l-artal. Ħaġa li qatt ma kien għamel dak il-ħin qabel dak in-nhar, u f'qalbu ħass il-preżenza ta' Alla. Għajnejh imtlew bid-dmugħ u f'qalbu talab kif għallmu jitlob Jimmy bl-imġiba siekta, imma devota tiegħu.

Iż-żjara tax-xwejjaħ kompliet sakemm darba minnhom il-kappillan induna li Jimmy ma ġiex għaż żjara tiegħu tas soltu. Meta komplew għaddejjin il-ġranet u Jimmy ma tfaċċax,

il-kappillan tħasseb u mar jistaqsi għalih il-fabbrika. Qalulu li kien ħassu ħażin fuq ix-xogħol u ħaduh l-isptar. Il-kappillan mar biex jarah u l-istaff tal-isptar qalulu li kienu mħassba dwaru.

Żiedu jgħidulu li fil-ġranet li Jimmy kien ilu l-isptar, sar tibdil fis-sala fejn kien qiegħed. It-tbissima ta' Jimmy u l paċi li kellu f'qalbu kienu jittieħdu u l-għaxqa tiegħu kienet li jara din il-paċi u s-serenità fin-nies ta' madwaru.

Il-kap tal-infermiera li magħha tkellem il-kappillan, qaltlu li ma tistax tifhem kif Jimmy kien daqshekk kuntent u fil-paċi. Qatt ħadd ma ġie jarah. Qatt ma rċieva fjuri, telefonati jew kartolini. Il-kappillan skanta b'dan u għamel f'moħħu li jibda joqgħod għal ftit ħin sewwa ħdejn is-sodda ta' Jimmy biex ipattilu għan-nuqqas ta' ħaddieħor.

Jimmy sema' dak li qalet fuqu l-infermiera u għamel sforz biex jitkellem, tbissem u qal lill-kappillan: "**In-nurse għandha żball. Hi ma tafx li ħabib tiegħi jiġi kuljum jarani f'nofsinhar, joqgħod bilqiegħda ħdejja, jieħu jdejja f'idejh, jiġġenneb għal fuqi u jgħidli li jħobbni. U waqt li jżommni f'idejh u jwennisni, jgħidli li hu jħarisni u se jħalli l-anġli jieħdu ħsiebi**".

Għal dan il-kliem sempliċi, imma mill-qalb ta' Jimmy, il-kappillan qabiżlu dmugħ ta' ferħ minn għajnejh u bierku.

> Iż-żjara tax-xwejjaħ kompliet sakemm darba minnhom il-kappillan induna li Jimmy ma ġiex għaż-żjara tiegħu tas-soltu. Meta komplew għaddejjin il-ġranet u Jimmy ma tfaċċax, il-kappillan tħasseb u mar jistaqsi għalih il-fabbrika. Qalulu li kien ħassu ħażin fuq ix-xogħol u ħaduh l-isptar. Il-kappillan mar biex jarah u l-istaff tal-isptar qalulu li kienu mħassba dwaru.

Tassew, li matul il-ħajja, jkollna ħafna esperjenzi ta' nies li jilgħabuha ta' ħbieb tagħna, iżda l-ħbieb tassew huma dawk li jħallu l-marka tagħhom f'qalbna.

Jalla, lilna wkoll il-Mulej iżommna fil-pala ta' jdejh u jibgħat l-anġli jħarsuna minn kull hemm u tiġrib, biex finalment iwassluna għandu. •





# IL-LIĠI TAL-KERA FL-AĦĦAR WASLET! (3)



**Fl-aħħar artiklu rajna kif il-kuntratt ta' kera llum il-gurnata, bl-emendi li daħlu fis-seħħ f'Jannar li għadda, irid bilfors ikun miktub. Mhux aktar permess li jkun hemm kuntratti ta' kirja li jkunu bil-fomm. Din hija waħda mill-aktar kambjamenti importanti u kbar li daħlu bl-emendi l-ġodda.**

Madanakollu hemm emendi oħra li affettwaw il-forma tal-kuntratt. Hemm preċiżament ħames kundizzjonijiet oħra li jekk ma jkunux inklużi fil-kuntratt miktub, il-kirja tiġi annullata wkoll. Dawn huma rekwiżiti qawwija ħafna li jaffettwaw il-forma tal-kuntratt u li l-liġi llum qed titlob ta' bilfors. Dan jista' jiġi apprezzat aktar meta wieħed iqis li sa ftit ta' żmien ilu l-forma rikjesta mil-liġi kienet waħda libera u cioè ma kien hemm ebda kundizzjoni rikjesta għall-forma tiegħu.

Bl-emendi hemm lista ta' rekwiżiti li jekk ma jitħarsux dawn jġibu fix-xejn il-kirja li tkun saret. Huwa għalhekk importanti li min jagħmel l-kuntratt ta' kera, mil-lum 'il quddiem, irid ikun jaf eżattament dak li l-liġi titlob minnu. Dawn il-kundizzjoniet jikkonsistu fl-inklużjoni ta':

**a) deskrizzjoni tal-propietà mertu tal-kirja,**

**b) qbil ċar għall-użu ta' dik il-proprietà mertu tal-kirja,**

**ċ) il-perjodu jew terminu li għalih il-proprietà se tkun mikrija,**

**d) irid jiġi nkluż ukoll jekk il-kirja nkwistjoni se tkun estiża fl-aħħar tagħha u**

**e) l-ammont ta' kera li se tiġi mħallsa u kif din il-kirja se tiġi mħallsa.**

Naturalment l-ewwel ħaġa li wieħed irid japprezza hi li billi dawn il-kundizzjonijiet għadhom ġodda għad ma hemm l-ebda pronunzjament tal-Qrati tagħna fuq l-interpretazzjonijiet tagħhom. Fil-liġi, inġenerali, apparti dak li jkun hemm miktub iswed fuq l-abjad fil-kodiċi, ħafna piż u importanza trid tingħata lis-sentenzi tal-Qrati li matul iż-żmien se jkunu qed inaqqxu, bħal skultur, l-interpretazzjoni reali ta' dak li jkun hemm miktub fil-kodiċi. B'hekk ir-riflessjonijiet tiegħi għadhom biss limitati għal dak li hemm miktub fl-emendi li ġew fis-seħħ.

l-ewwel nett il-liġi qed tirrikjedi deskrizzjoni ċara tal-propjetà li qed tingħata bil-kera. Din hija bażika u neċessarja. Huwa tajjeb li l-leġislatur żied dan ir-rekwiżit għalkemm, mill-esperjenza ngħid li huma ftit dawk il-kwistjonijiet li kienu jqumu fil-passat dwar l-identifikazzjoni tal-proprjetà. Rari, għalkemm possibbli, jkun hemm disputa fuq l-identifikazzjoni tal-fond mertu tal-kirja.

Ħafna drabi l-oġġett tal-kirja jibda jitgawda mill-bidu nett u għalhekk faċli jiġi identifikat. Nieħdu l-każ ta' fond għar-residenza ġaladarba wieħed jibda joqgħod fih, mhux se jkun hemm dubju dwar in-natura u l-identifikazzjoni tiegħu. Però nerga' ntenni li, tajjeb għamel il-leġislatur li niżżel dan ir-rekwizit billi huwa preċiżament il-punt tat-tluq tal-kuntratt ta' kirja. Mingħajr l-oġġett tal-kirja m'hemmx kirja.

Fl-artiklu li jmiss inkompli bl-apprezzament tiegħi l-kundizzjonijiet l-oħra. •




# INWIEĠBU GĦAS-SEJĦA TA' ALLA

"Aħna nafu li Alla, ma' dawk li jħobbuh, ma' dawk li huma msejħin skont il-providenza tiegħu, f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom. Għax lil dawk li hu għarafhom mill-bidu, ippredestinahom ukoll biex jieħdu s-sura fuq ix-xbiha ta' Ibnu, ħalli dan ikun il-kbir fost ħafna aħwa" (Rm 8:28-29).

Aħna msejħin biex ngħixu bħala aħwa ta' Ġesù u li nħossu li aħna wlied l-istess Missier. Alla għandu pjan għal kull wieħed u waħda minna. Minn naħa tagħna rridu niskopru x'inhi r-rieda ta' Alla fil-ħajja tagħna sabiex inwettqu b'mod sħiħ il-pjan ta' Alla li ħejja għalina. Iżda kemm-il darba nħossu li m'għandna bżonn ħadd, tant li ningħalqu għall-pjan ta' Alla għalina?

Biex inwieġbu għas-sejħa ta' Alla u naqbdu t-triq, mhemmx għalfejn li nkunu diġà perfetti. Aħna nafu li malli sar jaf li dineb, l-iben il-Ħali qabad it-triq lura u b'hekk ħass il-ferħ tar-rikonċiljazzjoni tiegħu mal-missier. Id-dgħufijiet u l-limiti umani ma humiex tfixkil, anzi jservu biex aħna nagħrfu l-fatt li għandna bżonn il-grazzja ta' Kristu li ssalvana. Din hija l-esperjenza li għadda minnha San Pawl meta jistqarr magħna, **"Niftaħar minn qalbi l-aktar bid-dgħufija tiegħi biex il-qawwa ta' Kristu tgħammar fija"** (2Kor 12:9).

- Kemm jien qed nagħti spazzju lil Kristu f'ħajti?
- Kemm qed nagħti widen għall-kelma tiegħu?
- Kemm niftaħ qalbi għalih?
- Kemm lest li nissogra għall-imħabba ta' Kristu?
- Kemm jien lest li nagħti kollox biex nikseb lil Kristu?

Dawn il-mistoqsijiet u oħrajn tista' twieġibhom u twettaqhom skont kemm għandek relazzjoni qawwija ma' Kristu.

Fuq ix-xtajta tal-baħar tal-Galilija, ħafna ħallew lilhom infushom jiġu mirbuħa minn Ġesù: kienu qegħdin ifittxu l-fejqan tal-ġisem u tal-ispirtu u messithom l-qawwa tal-grazzja tiegħu. Nies oħra kienu magħżula minnu personalment u saru l-appostli tiegħu. Insibu wkoll persuni, bħal Marija Maddalena u nisa oħra li mxew warajh minn rajhom, sempliċement għax kienu jħobbuh, imma, bħad-dixxiplu Ġwanni, huma wkoll sabu post speċjali f'qalbu. Ħafna rġiel u nisa kkonsagraw ruħhom biex jimxu bis-sħiħ wara Ġesù u warajh biss. Din hi għażla fundamentali għal dawk li jaċċettaw is-sejħa: li Ġesù jkun kollox għalihom. Ma tistax tilqa' s-sejħa u ġġib ħafna kompromessi. Ma tistax tibqa' sieq 'l hawn u sieq 'l hemm. Ma tistax biex tinogħġob man-nies tmur għal dak li d-dinja timbumbardjana bih. L-għażel hija waħda: Kristu.

Permezz tal-iva tagħna għas-sejħa tal-vokazzjoni aħna rridu nagħtu xhieda ta' Ġesù. Irridu nkunu medjaturi bejn Alla u l-bniedem. Irridu nkunu strumenti f'idejn Alla sabiex jużana bħala ħabbara tal-bxara t-tajba. Irridu jkollna l-gazz li mmorru kontra l-kurrent. Ma ninsewx il-kliem ta' Ġesù li min jistħi jistqarrni quddiem il-bnedmin jien nistħi nistqarru quddiem Missieri li hu fis-smewwiet. Din hi l-missjoni għal dawk li huma msejħin bħala reliġjużi u saċerdoti li jkunu dawl li juru t-triq lil bniedem għal għand Alla. •



# SAN FRANĠISK IFAKKARNA "IL-PAĊI TRID TIBDA FIL-QALB!"

Smajna kif fil-jum tal-Milied li għadda sar tentattiv minn Niġerjan, ittrenjat mill-Al-Qaeda, biex jisplodi lilu nnifsu fuq titjira minn Amsterdam għal Detroit. Laħquh fil-ħin. Ġiet evitata traġedja oħra. F'artiklu dwar ir-rilevanza tal-Ħajja Reliġjuża fis-seklu tagħna, Fr Timothy Radcliffe OP josserva li l-attakk fuq it-twin towers nhar il-11 ta' Settembru tal-2001 deher bħala sinjal li l-futur tal-umanità se jkun immarkat bil-vjolenza.

Donnu mkien ma nistgħu nkunu rasna mistrieħa. Nistgħu nsibu ruħna bċejjeċ qabel nkunu ntbaħna. Mal-kelma 'vjolenza', moħħna ma jimraħx sempliċiment fl-immaġini drammatika tat-twin towers jinstabtu f'daħna twaħħax. Jitilgħu wkoll f'moħħna xeni ta' Nsara maqtula matul l-2009 minħabba l intollcranza rcliġjuża (mur għidilhom dawk is-sitt Insara Kopti fl-Eġittu li kif joħorġu mill-quddies ta' nofsillejl nhar il-Milied li għadda se jsibu ma' wiċċhom sparar fatali minn grupp ta' Musulmani!), xeni ta' tfal mwerwra u mgħarrqa fid-dmugħ minħabba l-gwerer f'pajjiżhom, xeni ta' trabi abortiti jew embrijuni meqruda qabel raw wiċċ ommhom. Il-lista hija bla tmiem. F'dan il-kuntest imwiegħer, il-figura ta' San Franġisk, li John Corriveau, l-ex-Ministru Ġeneral tal-Ordni Kapuċċin, isejjaħlu **"appostlu tal-paċi u tal-għaqda"** (Ittra Cirkulari #12, Dwar il-Kompassjoni) tibqa' ssaħħarna u tispirana biex nkunu bnedmin ta' paċi.




Fit-Testment li ħalla lill-Patrijiet tiegħu, San Franġisku jagħtina x'nifhmu li ħassu mnebbaħ mill-Mulej innifsu biex ikun ambaxxatur tal-paċi: **"Il-Mulej nebbaħni din it-tislima ... 'Il-Mulej jagħtik is-Sliem'"** (Testment 23). Franġisku ħa dan l-impenn bis-serjetà. Ippriedka l-paċi lil kulħadd: lill-bnedmin (bi preferenza għall-emarġinati tas-soċjetà ta' żmienu); lill-annimali u anki lill-ħlejjaq tan-natura. U kien iħajjar lil ħutu l-patrijiet biex ikunu huma wkoll strumenti ta' paċi. Kien jgħidilhom: **"Aħna ġejna msejħa biex infejqu l-weġgħat, inġibu l-għaqda fejn hemm il-firda, u nreġġgħu lejn darhom dawk li tilfu t-triq"** (Leġġenda tat-Tliet Kumpannji 58).

Mill mod kif Franġisku kien jitkellem dwar il paċi, nintebħu li x-xandir tal-paċi kien konsegwenza ta' proċess li jkun beda fil-qalb ta' min qed ixandar is-sliem. Il-ħames Kunsill Plenarju tal-Ordni Kapuċċin li jitkellem dwar il-ħajja appostolika tal-Franġiskani Kapuċċini jgħid li San Franġisk, qabel ma jxandar il-paċi madwaru, kien hu stess bniedem li jgħix fil-paċi (KPO 5, # 83). Kien jisħaq dwar dan mal-patrijiet: "Ma tistgħux titkellmu dwar il-paċi jekk intom stess ma jkollkomx il-paċi f'qalbkom" (Leġġenda tat-Tliet Kumpannji 58). Qisu qed jgħidilhom: **"Kunu sinċiera magħkom infuskom. Biex iġġib il-paċi fid-dinja, ibda minnek,**



mill-paċi ta' qalbek."** Kif jgħid il-Malti: **"Ħadd ma jagħti minn dak li m'għandux"**; jew ukoll: **"mill-abbundanza tal-qalb jitkellem il-fomm."** Fit-Twissija # 15, Franġisku jerġa' jorbot il-ħidma favur il-paċi mal-paċi tal-qalb: **"Huma veri strumenti ta' paċi dawk li, minkejja t-tiġrib kollu li jgħaddu minnu f'din id-dinja, ma jitilfux il-paċi tal-moħħ u tal-qalb għall-imħabba ta' Sidna Ġesù Kristu."**

Franġisku jisfidana biex nidħlu daħla fina nfusna u nintebħu li l-ewwel tip ta' vjolenza li rridu nitqabdu magħha ma tinsabx barra minna, imma propju fil-qalb tagħna stess. U veru! Jekk insibu ftit ħin ta' kwiet u nisimgħu l-ilħna fil-qalb tagħna, nintebħu li ġewwa fina stess hemm ħafna vjolenza. Pereżempju, jekk nisimgħu b'attenzjoni u b'sinċerità lilna nfusna, dritt nindunaw li flimkien ma' ħsibijiet u emozzjonijiet pożittivi jitilgħu fina oħrajn inqas pożittivi, ġieli vjolenti, bħal ngħidu aħna:

- ħsibijiet ta' rabbja lejn min jirritana,
- sentimenti ta' għira għad-doni jew potenzjal ta' ħaddieħor,
- xewqat ta' vendetta għal min weġġagħna,
- tendenzi biex niddominaw u naħkmu fuq ħaddieħor, eċċ.

Ġesù wissiena fl-Evanġelju meta qalilna: **"Għax hu minn ġewwa, mill qalb tal bniedem, li joħorġu l-ħsibijiet il-ħżiena: żina, serq, qtil, adulterju, regħba, ħażen, qerq, libertinaġġ, għira, dagħa, kburija u bluha. Dan il-ħażen kollu minn ġewwa joħroġ u jtabba' lill-bniedem"** (Mk 7:21-23). Franġisku jistedinna biex nintebħu b'din il-vjolenza ġewwa fina. Daniel O'Leary isejjaħ dan il-proċess li bih niġu konxji tal-ħsibijiet u tal-emozzjonijiet mudlama ġewwa fina bħala *"mindfulness" (Don't forget to get early, f'The Tablet, 21.11.2009)*. Huwa u jitkellem dwar dan il-proċess, Henri Nouwen jistħajjel lil dawn il-ħsibijiet u sentimenti ħerġin minn fejn inkunu dfinniħom u jgħidulna: *"You can only be free if you look at us in the face. We are not as aweful as you imagine. When you see us as we really are, not as you think we are, you will be free to find your happiness again."* Dan il-proċess ibeżżagħna. Iwerwirna. Nibżgħu naffaċċjaw il-verità ta' ġo fina. Ma nifilħux nistqarru anki magħna nfusna li dawn it-tendenzi huma ħajjin anki fina. Imma l-grazzja ta' Alla tgħinna, iddawwalna u żżommna sħaħ tul dan il-proċess li jweġġagħna u jifnina, imma li fl-istess waqt jeħlisna u jaħjina.

Li nisimgħu u niġu konxji tal-vjolenza ġewwa fina huwa pass mitqlu deheb. Imma mhux biżżejjed. Jonqos pass ieħor. In-Nisrani jeħtieġ iħabrek biex irażżan dik il-vjolenza fih u jibdilha f'imħabba. Jeħtieġ iseħħ f'qalbna dak li ħabbar il-profeta: **"huma jibdlu x-xwabel tagħhom f'sikek tal-moħriet u l-lanez tagħhom fi mnieġel ... u s-sengħa tal-gwerra ma jitgħallmuhiex iżjed"** (Iżaija 2:4). Dan mhuwiex possibbli mingħajr il-grazzja ta' Alla. Id-dawl ta' Kristu, "dak id-dawl veru li jdawwal kull bniedem" (Ġw 1:9) kapaċi jixgħel il-kreattività tagħna u jimmotivana minn ġewwa biex niddixxernu kif dak il-ħsieb għajjur, dik l-emozzjoni rrabbjata, dik it-tendenza aggressiva nibdluha f'azzjoni ta' mħabba. Hekk, Kristu jkun merfugħ 'l fuq fi qlubna (Ġw 3:14-15; 8:28; 12:32), għax jeħtieġ li jsaltan fi qlubna sa ma jqiegħed il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet mudlama kollha taħt riġlejh (1Kor 15:25). Meta nħallu l-imħabba ta' Kristu ssuqna (2Kor 5:14) timmansa l-vjolenza ta' ġo fina, isaltan fina s-sliem.

Dan kollu jurina li l-eħrex ġlieda mhix barra minna, imma fina. Għandu raġun dak l-anzjan għaref, fil-film Peaceful Warrior, meta jgħid lil wieħed atleta żagħżugħ: *"I call myself a peaceful warrior because the battles we fight are on the inside."* Kajjin ma rebaħx din il-ġlieda fih innifsu. Il-ħsibijiet għajjura għal ħuh Abel u s-sentimenti aggressivi li jġibu magħhom rebħuh. M'għarafx jimmansahom. Il-vjolenza mdemmija li wettaq fuq ħuh kienet biss mera tal-vjolenza rebbieħa f'qalb Kajjin (Ġen 4:8). Bl-istess mod, il-vjolenza fuq it-trabi innoċenti mis-suldati ta' Erodi kellha għeruqha fil-ħsibijiet għajjura u mkabbra f'qalb is-Sultan. Qalbu kienet mimlija rabja u għira vjolenti għal dan **"is-sultan tal Lhud li twieled"** (Mt 2:2). Il qtil tal innoċenti martri kien sempliċiment mera ta' dan.




Qis li ma jiġrilekx bħal Kajjin u bħal Erodi; imma agħraf sewwa l-vjolenza ġewwa fik u tgħallem – bil-grazzja ta' Alla – immansaha u ibdilha f'imħabba. Hekk, l-imħabba ta' Kristu tibda ssaltan fuq il-ġibdiet vjolenti ta' ġo fik, u dduq il-paċi f'qalbek, **"għax Hu s-sliem tagħna"** (Ef 2:14). Biss imbagħad tkun tista' xxerred l-fwieħa tal-paċi madwarek.

Meta fil-Leġġenda ta' Peruġja u fil-Fjuretti naqraw dwar il-ħajja u l-ħidma ta' Franġisku u l-ewwel grupp ta' aħwa nindunaw kemm tabilħaqq kienu strumenti ta' għaqda u rikonċiljazzjoni. U x'mezzi f'waqthom kienu jużaw biex iġibu l-paċi: pereżempju permezz ta' sorra ħobż u naqra nbid tajjeb l-aħwa rebħu l-qlub ta' tliet ħallelin li kienu qed jagħmlu ħerba f'Borgo San Sepolcro (Fjuretti 26); bil-kant ta' strofa ġdida mill-Kantiku tal-Ħlejjaq li titkellem dwar il-maħfra (**"Mulej ħa tkun imfaħħar f'dawk li jaħfru għal imħabbtek, u jġarrbu mard u kull tbatija bla jgemgmu xejn u fis-sliem; tagħtihom int kuruna ta' tgawdija"**) Franġisku u ħutu rnexxielhom iġibu l-paċi bejn l-isqof u s-Sindku ta' Assisi (Leġġenda ta' Peruġja 44). •

Li nisimgħu u niġu konxji tal-vjolenza ġewwa fina huwa pass mitqlu deheb. Imma mhux biżżejjed. Jonqos pass ieħor. In-Nisrani jeħtieġ iħabrek biex irażżan dik il-vjolenza fih u jibdilha f'imħabba.




# Il-Qalb tal-Missier u l-Pjan tas-Salvazzjoni



**SKOP: Aħna ħa niskopru x'kien dan il-pjan li llum hu mikxuf kważi kompletament. Ħa niskopru kif nidħlu fih aħna u x'post għandna fih, kull waħda u kull wieħed minna! Din ir-riflessjoni ta' llum tikkunsidra b'mod partikulari il-qalb tal-Missier Alla li ħejja dan il-pjan b'tant delikatezza u ħlewwa. Tikkunsidra wkoll, x'post għandha l-Knisja (rappreżentata mill-komunità tagħna) f'dan il-pjan.**

## IL-PJAN TA' ALLA GHALINA

### 1. AQRA ĠEREMIJA 29:11-15

- Pjan ta' sliem u ta' restawr.
- Kundizzjoni waħda: "Jekk tfittxuni b'qalbkom kollha ..."

### 2. AQRA ĠEREMIJA 30:17-22

- maħfra
- fejqan
- belt ġdida tinbena
- tkattir tal-poplu
- tifħir bil-ferħ
- Poplu ta' Alla (uliedu)

### 3. AQRA ISAIJA 53

- Messija, raġel magħżul u midluk bl-Ispirtu
- refa' fuqu l-mard tagħna
- refa' fuqu l-uġigħ tagħna
- ferut minħabba dnubietna
- misħuq minħabba l-ħażen tagħna
- irċieva għadab biex jagħtina s-saħħa
- irċieva swat biex jagħtin l-fejqan
- il-Missier tefa' fuqu l-ħażen kollu tagħna
- "Il-Mulej għoġbu jgħakksu bil-mard imma ħajtu tingħata bħala sagrifiċċju tal-ħtija ..."
- "għamel bla ħtija lil ħafna, għax bi ħtijiethom hu kien tgħabba ..."
- "... u neħħa l-ħtijiet ta' ħafna u talab għall-midinbin."

## ĠESÙ KRISTU

1. Il-pjan ta' Alla hu Ġesù (Ġw 3:16-17).
2. Tabib (Mt 8, 1-17).
3. Ħellies mill-ispirti ħżiena (Mt 8, 28-32).
4. Żarma dak li bena x-xitan (1 Ġw 3, 8).
5. Ħafer id-dnubiet (1 Ġw 1, 7-9).
6. Waqqaf saltna ta' ġustizzja divina, ta' ferħ, ta' saħħa u ta' mħabba.
7. Ħatar nies u nefaħ fuqhom l-Ispirtu s-Santu biex ikomplu l-missjoni tiegħu li jsalva l-bniedem sħiħ: ruħ, moħħ, ġisem, emozzjonijiet u relazzjonijiet interpersonali (Lq 10, 1-24).
8. Illum, aħna xhieda ta' dan.
9. Inħallu li ħutna jkunu l idejn ta' Ġesù, il qalb ta' Ġesù li tant iħobbna li jrid imissilna t-toqol tagħna.
10. Nagħtu ħajjitna lil Ġesù b'libertà – "Ġesù, jien nemmen li int il-Messija, Bin Alla mibgħut biex issalvani. Ejja f'ħajti, imqallba kif inhi. Ejja ħu l-post f'qalbi bħala s-Sultan u l-Mulej ta' ħajti. Aħfirli dnubieti li huma bosta. Eħlisni minn kull irbit mad-dnub. Mulej Ġesù, irrid inkun tiegħek. Imlini mill-ġdid bl-Ispirtu Qaddis tiegħek!" •



# IL-KONTRIBUT TAL-POETA RELIĠJUŻ FIL-QASAM TAL-POEŻIJA (1)

Bħala poplu li sa mill-eqdem żminijiet għex id f'id mad-divin ma setax jonqos li t-twemmin ikun tema ewlenija fil-qasam tal-poeżija Maltija. Huma bosta dawk il-poeti, reliġjużi u lajċi, li ttrattaw it-twemmin fil-versi tagħhom. Din tiegħi se tkun ħarsa qasira lejn għadd ta' poeti reliġjużi, xi wħud li għexu fl-imgħoddi, oħrajn li għadhom magħna sal-lum.



Dun Karm Psaila



Patri Ġużè Delia sj

Dwar il-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila (1871-1961) inkiteb bosta anki għaliex hu nnifsu kiteb ħafna, mess bosta temi (in-natura, il-patrijottiżmu, is-solitudni u t-tiġrib uman, l-ilsien Malti, it-twemmin, il-kriżijiet li ngħaddu minnhom matul l-eżistenza tagħna), u ħaddem bosta forom poetiċi tat-tradizzjoni bħalma huma s-sunett, l-epodu, il-vers maħlul u l-karme. Ittraduċa wkoll minn ilsna oħra: xogħol ewlieni huwa l-poeżija L-Oqbra, maqluba mit-Taljan I Sepolcri ta' Ugo Foscolo. L-ogħla quċċata laħaqha bil-poema li ttul aktar minn 500 endekasillabu bl-isem ta' Il-Jien u Lilhinn Minnu, xogħol li fih jippreżenta t-taqbida bejn ir-raġuni u t-twemmin, u li jispiċċa bir-rebħa tal-fidi li tinkiseb permezz tas-silenzju u l-umiltà.

Poeta reliġjuż ieħor huwa Patri Anastasju Cuschieri (1876-1962). Dan il-Patri Karmelitan huwa magħruf bħala Il-poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija, kif iġib l-isem tal-ġabra poetika tiegħu li rat id-dawl fl-1967. F'poeżiji bħal Ilsien Pajjiżi u Il-Kelma Maltija Cuschieri jemmen li l-ilsien Malti ġej direttament minn Alla, ġie mgħallem lilu mingħand ommu, u twieled min-natura għax il-ħsejjes tiegħu huma dawk tan-nixxiegħa, tal-għasafar u taż-żiffa. Waħda mill-isbaħ poeżiji reliġjużi ta' Cuschieri hija Fis-santwarju tal-Karmnu, fejn iqis lill-Madonna bħala l-omm reliġjuża u jsostni li l-ewwel kelma filgħodu u l-aħħar kelma qabel ma jmut jeħtieġ li tkun dejjem iddedikata lilha. Bħal Dun Karm Psaila anki Cuschieri huwa letterat imħarreġ sew fil-lingwa u l-letteratura Taljana, u kiteb bosta kitbiet ta' natura filosofika.

Il-Patri Ġiżwita Ġużè Delia (1900-1980) huwa miftakar bħala l-poeta tal-leġġendi. Bħal bosta poeti ta' żmienu, huwa kiteb il-versi biex juri l-ġmiel tal-kelma Maltija u jġiegħel lil min jaqrahom iħobb il-Malti u jintebaħ kemm hu sabiħ fis-sempliċità tiegħu meta wieħed jaf iħaddmu kif xieraq. Jiġbed minnhom ukoll tagħlima morali jew reliġjuża li tkun ta' ġid lil min jaqrahom. Apparti l-bosta leġġendi versifikati, huwa wkoll l-awtur tal-antoloġija poetika Meta toħlom il-qalb (1962). •



# IL-VOLONTARJAT
## X'GĦANDU JFISSER GĦALINA?

Il- volontarjat huwa xogħol magħmul mingħajr ħlas u jinkludi kull forma ta' xogħol fi ħdan Għaqdiet mhux Governattivi, unjins, pressure groups (tipo Għaqdiet Ambjentalisti), kif ukoll xogħol mhux imħallas fil-Knisja, fl-iskejjel u saħansitra xogħol volontarju 'informali' bħal għajnuna lill-ġirien. Id-definizzjoni hija waħda wiesa' għall-aħħar.

Kemm huwa eħfef li meta jkun hemm talba għal għajnuna naqbdu u nagħtu għotja ta' flus sabiex neħilsu u jkollna l-kuxjenza f'postha? Inkella kemm hu eħfef ma nagħtux kas u nibqgħu għaddejjin bl-affarijiet tagħna? Nibdew inġibu ħafna skużi bħal

- 'nixtieq ta', imma ma nistax għax lanqas għandi ħin għalija' jew
- 'bil-kemm għandi flus għalija biex ngħix aħseb u ara biex nagħti donazzjoni',

imbagħad nagħmlu xaba' kapriċċi bla bżonn.

Jeżistu ħafna modi kif wieħed jista' jagħmel volontarjat bħal ngħidu aħna, tmur tgħin lil x'Istitut jagħmel manutenzjoni, tmur darba f'ġimgħa tgħin lil 'care workers' u tqatta' ħin mat-tfal ta' x'Istituti, tmur iżżomm kumpanija lil anzjani u tgħinhom f'dak li jkollom bżonn bħal pereżempju tagħmilhom ix-xirja. Hemm min ukoll isiefer u jagħmel volontarjat mat-tfal f'x'Istituti fi Sqallija, l-Afrika jew anki l-Indja. L-ispejjeż jinħarġu minn buthom u minnflok jużaw il-vaganzi tagħhom biex iqattawhom ma' tal-familja jew ma' sħabhom jagħżlu li jmorru jagħmlu volontarjat. Jekk nibqa' nsemmi żgur ma nieqafx daqskemm hemm tipi differenti ta' kif wieħed jista' jagħmel volontarjat.

Emmnuni, vera tħoss sodisfazzjon u ferħ kbir meta tagħti sehemek fil-volontarjat. Meta l-Gi.Fra. konna organizzajna l-laqgħa tal-volontarjat f'Ottubru 2009 flimkien mal-KDZ, kulħadd kien tal-istess fehma; kemm tapprezza iktar is-sabiħ fil-ħajja minkejja l-problemi kollha li hawn madwarna, kemm għandna għalfejn nirringrazzaw lil Alla talli tagħna familji min jieħdu ħsiebna u ambjent sabiħ fejn ngħixu. Tip ieħor ta' voluntarjat huwa bħal meta grupp ta' nies jingħaqdu flimkien fil-ħin liberu tagħhom u jiftehemu biex jorganizzaw xi attivitajiet li permezz tagħhom jiġbru l-flus ħalli jagħtuhom donazzjoni lil xi Għaqdiet mhux Governattivi. Eżempju ta' attivitajiet li jsiru huma maratoni ta' sport, maratona ta' mużika, car wash u ħafna oħrajn.

Il-grupp tal-Gi.Fra. diġà għamel żewġ car washes is-sena l-oħra u kienu ta' suċċess kbir. Dax-xahar, sewwa sew il-Ħadd 14 ta' Marzu, fil-grounds biswit il-knisja tal-Kapuċċini se ssir car wash miż-żgħażagħ tal-Gi.Fra. u l-flus kollha li jinġabru se jmorru kollha għal Crèche tal-Ursolini li jinsab tas-Sliema. Aħna lkoll nafu l-kobor ta' ġid li jagħmlu dawn is-Sorijiet mat-tfal orfni. Sorijiet li jagħtu qalbhom u mħabbithom fil-kwiet mingħajr daqq ta' trombi. Għalhekk inħeġġukom tgħinuna sabiex ngħinu lil dawn is-Sorijiet ta' qalb kbira.

Narawkhom! •





# IS-SAĊERDOZJU
## B'LENTI FRANĠISKANA (2)

F'din is-sena ddedikata lilna s-saċerdoti, ikun tajjeb li naraw dan id-don hekk kbir mogħti lill-Knisja għas-salvazzjoni tal-bnedmin minn diversi aspetti. Wieħed minnhom huwa, mingħajr dubju, dak Franġiskan. Min hu s-saċerdot fil-qies ta' San Franġisk u t-tradizzjoni li ħalla warajh?



Għall-Fqajjar ta' Assisi, is-saċerdot huwa Kristu nnifsu fostna. Fit-Testment tiegħu, il-qaddis juri l-imħabba kbira tiegħu lejn is-saċerdoti: **"Imbagħad il-Mulej ta, u għadu jagħtini, daqshekk twemmin fis-saċerdoti li jgħixu kif trid il-Knisja Mqaddsa Rumana, li minħabba id-dinjità tagħhom irrid nitlob l-għajnuna tagħhom, ukoll jekk niġi ppersegwitat minnhom. U li kieku kelli daqshekk għerf daqskemm kellu Salamun, u kelli niltaqa' ma' saċerdoti fqajrin ta' din id-dinja fil-parroċċa fejn igħixu, ma rridx li nippriedka kontra r-rieda tagħhom. U lil dawn stess u lill-oħrajn kollha rrid inħobb, inweġġah u lejhom nuri biża', bħallikieku huma sidien tiegħi. U ma rridx inqis id-dnub fihom, għax fihom nilmaħ l-Iben ta' Alla u huma s-sidien tiegħi. U nġib ruħi hekk magħhom, għaliex jien, f'din id-dinja, bl-għajnejn tiegħi tal-ġisem, ma narax mill-istess Iben ta' Alla l-Aktar Għoli ħlief il-Ġisem u d-Demm wisq imqaddes tiegħu, li huma jieħdu u huma biss iqassmu lill-oħrajn"**.

Fi ftit kliem, għal San Franġisk l-identità u l-ministeru saċerdotali tas-saċerdot huma ħaġa waħda. Dan ifakkarulna mill-ġdid il-Papa Benedittu XVI, fl-ittra li biha nieda s-sena tas-saċerdoti: **"L-ewwel ħaġa li għandna bżonn nitgħallmu hija l-identifikazzjoni sħiħa tar-raġel mal-ministeru tiegħu. F'Ġesù, il-persuna u l-missjoni jiltaqgħu flimkien. L-attività ħelliesa ta' Kristu kienet, u hija, l-espressjoni 'tal-konxjenzjalità tiegħu,' li mill-eternità qiegħdha quddiem il-Missier f'attitudni ta' sottomissjoni b'imħabba għar-rieda tiegħu. B'mod umli imma ġenwin, kull saċerdot jeħtieġlu jimmira għall-identifikazzjoni simili. Ċertament dan mhux biex wieħed jinsa' li l-effikaċità tal-ministeru hija indipendenti mill-qdusija tal-ministru. Imma, minn naħa l-oħra, lanqas nistgħu nwarrbu l-frott straordinarju tal-laqgħa bejn il-qdusija oġġettiva tal-ministeru u l-qdusija suġġettiva tal-ministru"**. Mis-saċerdot il-poplu jistenna li jkun qaddis! Kristu ieħor!

Issa, din il-qdusija saċerdotali turi ruħha fl-attitudni umli tas-saċerdot. Fl-Ittra lill-Ordni kollu, San Franġisk jinidirizzahom hekk lis-saċerdoti: **"Lill-ministri u l-kustodji, u lis-saċerdoti tal-istess fraternità, umli fi Kristu"**. L-umiltà hija l-valur aħħari u s-sinsla tal-ħajja saċerdotali Franġiskana. Personalment nara li minn minna s-saċerdoti huwa nieqes mill-virtù tal-umiltà, hu nnifsu u l-ministeru li ġie mogħti mill-Mulej ibatu ħafna għax jimxu bl-iskossi tas-suppervja. L-umiltà saċerdotali qiegħdha mhux fil-fatt li wieħed jilgħabha tal-umli, imma li jkun konxju li hu tabilħaqq l-agħar persuna li hawn fid-dinja u li tassew ma jixraqlux li jkun ministru ta' Alla. Fil-fatt San Franġisk jesprimi l-istess ħsieb meta jgħid: **"F'kull ħaġa li għamilt ma kontx qaddis. Jekk Alla jista' jaħdem bija mela jista' jaħdem b'kulħadd"**. Din ir-realtà tiegħu nnifsu iġġiegħel lis-saċerdot biex jitlob kuljum għarkubbtejh lill-Mulej din it-talba minn qalbu: **"U mill-kburija wkoll ħares il-qaddej tiegħek, tħalliha qatt taħkimni. Mbagħad inkun bla ħtija u ħieles minn dnub kbir (Salm 19:14). Jeħtieġ jikber hu u niċkien jiena"** (Ġw 3:30).

"Huwa biss permezz tal-umiltà, is-sultana tal-virtujiet kollha, li s-saċerdot, fil-viżjoni Franġiskana, jista' tassew jimraħ fil-ministeru li l-Missier, fi Kristu, sejjaħlu għalih."



Huwa biss permezz tal-umiltà, is-sultana tal-virtujiet kollha, li s-saċerdot, fil-viżjoni Franġiskana, jista' tassew jimraħ fil-ministeru li l-Missier, fi Kristu, sejjaħlu għalih. Jeħtieġlu jara l-miżerja tiegħu nnifsu, u mqanqal minn spirtu ta' penitenza għal ħtijietu, iħalli lill-Mulej joħrġu minnu nnfisu, u fuq l-eżempju tar-Ragħaj it-Tajjeb, fih jagħti ħajtu mill-ġdid għall-merħla tiegħu, l-iktar għal dawk li qed ibatu, l-emarġinati u 'l dawk li huma'l bogħod minn Alla.

Bħala saċerdoti ħa nitqanqlu mill-ħniena ta' Alla u naqdu lil Kristu, li anki fina huwa daqshekk mkisser u sfigurat bi dnubietna, f'ħutna li tant għandhom bżonn ħnientu. •



# SAN PAWL IL-POETA U L-GLOBALIZZAZZJONI (2)



## IL-X TA' FRAR U L-BIBBJA

Meta taqra l-poeżiji ssib li t-tliet temi ewlenin jimmanifestaw ruħhom f'sitt aspetti li huma:

(a) Il-karattru u l-personalità ta' Pawlu,

(b) ir-rakkont tal-miġja ta' San Pawl,

(ċ) il-passaġġ tal-Maltin mill-paganeżmu għall-Kristjaneżmu,

(d) l-identità reliġjuża u kulturali ta' Malta,

(e) ir-relazzjoni ta' Missier u Bint bejn Pawlu u Malta;

(f) appell biex il-Maltin ma jabbandunawx il-fidi Nisranija li xettel fihom San Pawl.

Kif diġà għedna dawn l-ideat f'Dun Karm għandhom bażi fl-Atti tal-Appostli u fl-Ittri ta' San Pawl. Nagħtu xi eżempji u nibdew billi naraw kif Dun Karm jiddeskrivi l-karattru ta' San Pawl: Bniedem tal-ktajjen (1917); . . . qalbieni Rażul, ħarstu ta' ljun, qsajjar, dirgħajh godlija, kelmtu bħal sejf misnun (1925). Din id-deskrizzjoni ta' bniedem kuraġġjuż lest li jaffronta kull theddid u jegħleb kull periklu tikkorrispondi mal-profil ta' Pawlu kif jagħtih hu stess fit-tieni Ittra lill-Korintin: **"Bosta drabi sibt ruħi wiċċ imb'wiċċ mal-mewt . . . tliet darbiet rajt il-għarqa . . . sibt ruħi f'perikli . . . kemm-il darba kelli ngħaddi fis-sawm, fil-ksieħ u fil-għera . . ."** (2 Kor. 11:23-27). Kienet personalità qawwija bħal din li ħelset 'il Pawlu mill-għarqa u wasslitu fi triqtu lejn Ruma.

Ma jistax jonqos li Dun Karm iġib ħajja quddiemna l-ġrajja tan-nawfraġju u l-qagħda providenzjali fuq Gżiritna wara t-taqtigħ il-qalb tal-maltempata li kissret il-ġifen fuq ilsien taż-żonqor bejn baħar u ieħor . . . fuq l-Aħrax, 'il barra mill-Mistra. Jibni din il-ġrajja storika fil-poeżiji tal-1915, 1926, 1928 u l-1932. Bħala mgħallem tal-kelma Maltija, Dun Karm joħloq kwadretti letterarji f'versi bħal,

**Hawnhekk tkisser il-mirkeb; in-nies tagħna**
**Daru bil-mehlusin bi tjieba u ħila.** (1915)

Ifakkar lil Malta fl-imħabba li wriet ma' Pawlu u niesu li kebbset minn qalbha ħuġġieġa biex issaħħanhom (1926). Jissokta bil-kliem ta' kuraġġ ta' Pawlu għax Dan huwa l-jum tar-rebħ: jeħtieġ fuq gżira mbierka naslu għada mas-sebħ għalhekk xejn, xejn la taqtgħu qalbkom (1928). Mal-ġenerożità tal-Maltin Dun Karm jafferma kif l-Appostlu jagħraf il-ħila, it-tjieba, il-għana ta' qalb li kellha n-nies ta' din il-gżira (1921). Dejjem fidila lejn l-istorja tal-qlubija tal-Maltin, il-poeżija ta' Dun Karm tirrifletti fid-dettal il-ġrajjiet kif seħħew u kif jirraportahomlna San Luqa fl-Atti 27:39-44 u 28:1-10. Barra minn poeta, Dun Karm jidher bħala kronista professjonali.

Lilhinn mill-kronaka, iżda, il-poeżija ta' Dun Karm tagħtina verità aktar fundamentali għalina bħala nsara: il-passaġġ tagħna l-Maltin mill-paganeżmu għall-Kristjaneżmu. Jgħidilha lil Malta,

**Stħajjilt li Ġove kien dagħdigħa waħda**
**Għalik u f'idu xrara tan-nar li jolqot iżda**
**Alla deherlek dak il-ħin,**
**u Pawlu għaraf lit-tfajla li ħatarlu Alla.**

Fl-istess ħsieb Dun Karm ifakkarna kif San Pawl xerred fostna t-tagħlim dwar Kristu Rxoxt li Malta laqgħet bl-istess interess li laqgħet lilu. B'mod metaforiku, jgħid kif Alla għannaq lil Malta Miegħu, u fi ħdanu żammek qalbek fuq qalbu (poeżija tal-1926). Bil-laqgħa fil-Fidi bejn Pawlu, Malta u Kristu, inħalef patt u Kristu baqa' magħna (poeżija tal-1933).

Il-qabża mill-paganeżmu għall-Kristjaneżmu għamlet mill-ġens Malti nisel ġdid, in-nisel ta' Alla l-veru u ħaj: Aħna tassew nisel Tiegħu. Mela ladarba aħna nisel ta' Alla, ma għandniex naħsbu li jixbah lid-deheb jew lill-fidda jew lill-ħaġar, qisu xbieha ġejja minn sengħet u moħħ il-bniedem (Atti 17:28). San Pawl hawnhekk jiftakar f'Levitiku 26:1: **"Tagħmlux allat foloz, twaqqfux xbihat jew plieri, ebda ħaġra maħduma ma tagħmlu f'artkom biex tadurawha. Jien hu l-Mulej Alla tagħkom"**. Dun Karm jiġbor dan it-tagħlim bibliku fil-poeżija tiegħu mirquma b'kolma Maltija ħafifa u b'ritmu ġentili. Hekk jesprima l-laqgħa bejn Malta, Pawlu u Kristu: iltaqgħu dawn it-tlieta fuq il-plajja, u nħalef patt u Kristu baqa' magħna (1933).

Bis-saħħa tat-tagħlim fuq Kristu Rxoxt , San Pawl sar il-missier tal-Maltin u l-Maltin saru ġens ġdid fil-Fidi u l-Magħmudija. Fil-poeżija tal-1931 jgħid lil San Pawl: Int Missierna, fik għall-ħajr twelidna tal-Iben t'Alla. Issa, dak li jgħidilna Dun Karm bil-versi tiegħu hu konfermat mill-Atti tal-Appostli. Il-Maltin tant emmnu l-kelma qaddisa ta' Pawlu li bdew iressqu lejh il-morda tagħhom u hu



fejjaqhom (28:9). Il-versi ta' Dun Karm ifakkru fi kliem San Pawl lit-Tessalonikin li jistgħu faċilment joqogħdu għall-Maltin taż-żminijiet bikrin tal-Kristjaneżmu: **"Alla għażilkom biex tkunu l-ewwel frott tal-fidwa bil-qdusija tal-Ispirtu s-Santu u l-fidi fil-verità . . . biex ikollkom sehem fil-glorja ta' Ġesù Kristu"** (2Tess 2:13-14).

L-istorja u l-kultura tan-nazzjon huma l-ħamrija li fiha tinbet u tikber il-letteratura. Il-poeżija ta' Dun Karm hi konxja ta' dan, u għalhekk hemm rabta qawwija bejn letteratura u nazzjonalità fis-sensiela ta' poeżija dwar l-X ta' Frar. Għal Dun Karm, San Pawl u r-reliġjon nisranija huma elementi ewlenin li jsawru l-identità ta' Malta bħala nazzjon. Dan joħroġ ċar meta jistqarr li 'l Malta u Pawlu ma jifridhom ħadd u dan jixhduh iż-żminijiet għax l-ebda qawwa ma taf tħollu dak li ntrabat fis-smewwiet (poeżija tal-1923). Il-mottiv ta' twaħħid ta' Pawlu, il-Kristjaneżmu u Malta jispira 'l Dun Karm biex jara isem San Pawl miktub b'itti tad-deheb fuq kull element tal-ambjent naturali Malti, jiġifieri, mas-sebħ, fuq wiċċ is-sema u l-baħar, fuq blat sewdieni u l-ilma, fuq raba', irħula u bliet, fuq wileġ, fuq l-għoljiet (1919). Iżda l-ebda ħsieb poetiku ma jesprimi din l-identità reliġjuża Maltija daqs dak espress fil-poeżija tal-1931 bil-versi mimlija Fidi: Imbierka l-Emmna li għallimtna, San Pawl,... Emmna li saret aħna, Emmna Maltija. Hemm idea fl-Atti tal-Appostli 28:1 li tirrifletti din il-verità: **"Meta ħlisna mill-għarqa sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta"**. Pawlu, mela, identifika l-art li ħelsitu b'isimha – Malta. U ma' isimha Pawlu għarafha wkoll bħal nisranija . . . u hekk jixtieqha tibqa' "biex il-Mulej iwettaqkom u jħariskom mill-ħażin . . . u jwassal lil qlubkom għall-imħabba t'Alla u s-sabar ta' Kristu" (2Tess 3:2-5).

Dun Karm jaf kemm għaddew minn fuq dil-gżira mbierka ġnus qalbiena fl-ibgħad żminijiet (1931). Iżda jaf ukoll li matul l-elfejn sena storja ta' Kristjaneżmu Malta ta' Pawlu tibqa' l-egħżeż tifkira u rebħ, u fuqha jibqa' jżernaq tad-dija t'Alla s-sebħ (1928). Din l-esperjenza nisranija kif tidher mill-versi ta' Dun Karm mhix differenti mill-metafora li jagħti San Pawl tan-nisrani li jilbes fuq l-għamara tal-ġisem l-għamara l-oħra t as-sema (2Kor 5:2) li tagħmlu ħaġa waħda ma' Kristu f'mewt u qawmien li jixbhu lil tiegħu (Rum 6:5). •



# IL-BOLOL TA' MALTA (21)

## TAZZA TAD-DINJA 1982

L-ewwel tazza tad-dinja ntlagħbet fl-Urugwaj fl-1930 bi tlettax-il tim jikkompetu għal FIFA trophy. Brażil rebħuha tliet darbiet. Il-finali ta' din is-sena saru fi Spanja fi 17-il Stadium f'erbatax-il belt. Kienet l-ewwel darba li ħadu sehem 24 tim maqsuma f'sitt gruppi ta' erbgħa. Għall-okkażjoni fl-11 ta' Ġunju 1982 il-Posta ta' Malta ħarġet tliet bolol tat-3ċ, tat-12ċ u tal-15ċ b'disinn ta' Richard C. Caruana.



## MILIED

Ma nistgħux niċċelebraw il-festa qaddisa tal-Milied mingħajr il-presepju u x-xeni li ġraw Betlem iktar minn elfejn sena ilu. Fit-8 ta' Ottubru 1982 il-Posta ħarġet tliet bolol fuq disinn ta' Joseph L. Mallia. L-ewwel bolla taż-2ċ+1ċ turi l-Anġlu jħabbar l-aħbar it-tajba lir-rgħajja, tat-8ċ+2ċ turi t-tliet Maġi resqin lejn il-grotta u t-tielet bolla tal-20ċ+3ċ tinkludi l-istess żewġ xeni f'daqqa.



## BASTIMENTI MALTIN

Fit-13 ta' Novembru 1982 ħareġ l-ewwel sett f'serje ta' bolol dwar il-bastimenti Maltin b'disinn ta' Norbert Attard. Il-bolla tat-3ċ turi l-Brigantin, bastiment żgħir u baxx li ħa sehem importanti fl-istorja tagħna. Tat-8ċ turi t-Tartana, bastiment tat-tagħbija li kien bżonjuż ħafna għall-ġarr tal-qamħ minn Sqallija. F'dik tat-12ċ għandna x-Xambekk li kien ideali f'baħar qawwi u li kien jintuża fil-qbid tal-iskjavi. Dik tal-20ċ turi l-Ixprunara li kienet żgħira u ħafifa biex iġorr il-passiġġieri u twassal messaġġi bejn Malta u l-Italja.



## ĊENTINARJU TAL-FERROVIJA

Bil-ftuħ tal-Kanal tas-Swejz fl-1869, l-ekonomija ta' Malta marret 'il quddiem bħala stazzjon importanti tal-faħam bejn il-portijiet tal-Mediterran. Dan wassal għall-bini tal-ewwel sistema tal-ferrovija f'Malta (jew il-vapur tal-art) fit-28 ta' Frar 1883 bejn il-belt Valletta u r-Rabat. Din baqgħet taħdem b'suċċess sakemm fl-1905 tfaċċaw it-trammijiet. Fl-1931 s-sistema tal-ferrovija waqfet għal kollox bl-introduzzjoni tal-karozzi tal-linja. Biex jitfakkar dan iċ-ċentinarju (1883 – 1931) inħarġu tliet bolol, tat-3ċ, tat-13ċ u tas-27ċ, fuq disinn ta' Richard J. Caruana, fil-21 ta' Jannar 1983.

## JUM IL-COMMONWEALTH




Malta flimkien ma' 45 pajjiż differenti fakkret Jum il-Commonwealth fl-14 ta' Marzu 1983 bil-ħruġ ta' erba' bolol li jirriflettu s-sbuħija, l-istorja u l-industrija ta' pajjiżna. B'disinn ta' Charles Cassar, il-bolla tat-8ċ turi l-mappa ta' Malta bil-ħamiem tal-paċi iwasslu l-messaġġ lejn xtut oħra madwarna. Il-bolla tat-12ċ tissimbolizza l-istorja tagħna, dik tal-15ċ t-turiżmu u tat-23ċ l-industrija fil-pajjiż.

***Jekk trid tirċievi 50 bolla differenti ta' Malta jew 100 bolla differenti ta' barra minn Malta, ibgħat 8 bolol ġodda tad-€0.19 fl-indirizz ta' hawn taħt.***

## KOMPETIZZJONI BOLOL TA' MALTA

**Semmi l-erba' ismijiet tal-bastimenti Maltin.**

Il-premjijiet se jingħataw ġentilment mill-MaltaPost p.l.c. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lili f'dan l-indirizz: Kompetizzjoni **Bolol ta' Malta, 11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann SGN 1370.**

**Ir-rebbieħa tal-kompetizzjonijiet:**

**18 – Diċembru 2009**

1. Joe Borg, 20, Triq Castaldi, Ħaż-Żabbar ŻBR1457
2. J. Galea, 22, Triq Tumas Galea, Ta' Paris, B'Kara
3. Anna Farrugia, "Ġiżimina", Triq il-Kunċizzjoni, San Ġwann SGN1423

**19 – Jannar 9010**

1. Maximilian Messina, Feria App/5, Triq Radded ir-Roti, Xemxija SPB4111
2. Lawrence Mallia, "Aurora", Triq l-Annunzjata, Gudja GDJ2008
3. Joe Borg, 20, Triq Castaldi, Ħaż-Żabbar ŻBR1457



# L-EŻORĊIŻMU (5)

Il-bniedem tal-lum huwa razzjonali ħafna. Però huwa importanti ħafna li ma nħallux lilna nfusna niġu kkundizzjonati minn ċerti skejjel ta' 'para-psikoloġija' jew ta' psikjatrija atea li tiċħad l-eżistenza ta' dak kollu li hu spiritwali, sew jekk hu Alla u sew jekk hu x-xitan!

**"Mhux biżżejjed li tabib jew psikologu jkun mgħammed jew jgħid li hu Kattoliku, biex ikun sensibbli għar-realtà spiritwali. Spiss anki Kristjani ferventi u saħansitra saċerdoti, ikunu iżjed razzjonalisti mill-istess persuni razzjonalisti"** *(Renè Laurentin, Il-demonio. Mito o realtà? p.214).* **"Kulħadd jaf li l-psikjatrija moderna mhix xjenza li timxi fuq impostazzjoni teorika unika. Hemm diversi aproċi li bihom jiġu skrutati l-weġgħat psikiċi u psikoloġiċi tal-bniedem"** *(Dr. G. Tufo, Lo psichiatra di fronte agli incerti confini tra lo psichico e lo spirituale, dal periodico dell'Associazione Terapisti Cattolici competenze e passione, aprile 2005).* U ħafna minn dawn l-impostazzjonijiet jeskludu l-isfera spiritwali, billi jħawwdu r-ruħ mal-'psike' tal-bniedem u b'hekk jirriduċu kollox, anki dak li mhumiex kapaċi jispjegaw, għall-moħħ uman jew għall-inkonxju. B'hekk jiġi traskurat kull riferiment għall-isfera spiritwali tal-bniedem.

Bla dubju, ċerti affermazzjonijiet li jsiru, jinbtu minn kunċett żbaljat dwar il-figura tax-xitan. Fil-fatt, l-Evanġelju u l-Atti tal-Appostli qatt ma jirrakkuntaw xi reazzjoni ta' biża' li x-xitan jipprovoka fil-persuni. Għall-kuntrarju, dawn aktar jirrakkuntaw dwar il-biża' li x-xitan stess għandu minn Ġesù, l-Appostli u dawk li huma nsara veri. M'hemm xejn iktar kuntrarju għall-ispirtu Kristjan, mill-biża' mix-xitan! Ix-xitan jaħdem fil-moħbi: imma meta jkun kostrett li jikxef il-preżenza tiegħu u l-identità tiegħu, bħal fil-każ tal-possessjoni, huwa juri l-biża' tiegħu quddiem il-maestà ta' Alla. Ix-xitan jaf b'ċertezza li, fl-aħħar mill-aħħar, se jiġi mirbuħ mill-qawwa ta' Alla u għalkemm għall-ewwel jimmanifesta ruħu bħala xi ħadd qawwi, fil-verità dan il-ħsieb iwerwru. Għalhekk huwa jagħmel minn kollox biex jikkonvinċi l-imħuħ ta' xi wħud li l-eżorċiżmu huwa xi ħaġa tal-biża', u għax hu xi ħaġa tal-biża' trid tirrikorri għalih l-inqas possibbli jew aħjar trid tiċħdu għal kollox. Ix-xitan jagħmel minn kollox biex jiżra' din il-konvinzjoni żbaljata fl-imħuħ ta' ħafna u b'hekk ibiegħed lil ħafna mill-eżorċista meta jkollhom bżonnu.

Dun Gabrijel Amorth, ħafna drabi tkellem ċar dwar il-ħsara li rnexxielu jagħmel ix-xitan b'din il-gidba. Ħafna nies li ġew imċaħħdin mis-sostenn spiritwali minn naħa tas-saċerdoti, iħossuhom mhux mifhuma u abbandunati u għalhekk jispiċċaw jiffrekwentaw sħaħar, *'fortune tellers'*, setet u reliġjonijiet oħrajn. L-eżorċiżmu jibda b'ħafna sempliċità. Huwa biss min għandu injuranza dwar dan il-ministeru, li jimmaġina li huwa xi ħaġa tal-biża',




trawmatiku għal min jirċevih u min jassisti lil persuni waqt it-talb! Anki l-istess vittma tal-possessjoni, wara li jsir it-talb magħha, toħroġ aktar trankwilla, tħossha kalma, b'qalbha iżjed mistrieħa, kapaċi li taffronta aħjar ix-xogħol tagħha ta' kuljum. Tħossha aktar ħielsa, inqas oppressa u fuq kollox tħoss li qegħda tikber spiritwalment u moralment. Ix-xitan stess, preżenti fil-persuna, aktar ma jħoss li qed joqrob il-jum li fih jiġi mirbuħ, jokrob biex jitħalla fil-paċi, jisħet il-ġurnata li fiha daħal f'dik il-persuna u ċ ċirkustanzi jew il-persuni li wittewlu t-triq biex jaħkem lill-persuna. Iżda fl-aħħar, l-eżorċista, flimkien mal-familjari u ħbieb tal-vittma, ikollhom il-ferħ li jassistu għall-mument li fih ix-xitan, kompletament mirbuħ mill-qawwa t'Alla, ikun kostrett li jħalli lill-persuna.

# ROKNA GĦAT-TFAL

## Aħseb u wieġeb

1. Mar in-naħa tagħhom: Jgħum, miexi fuq il-baħar, jogħdos. (Mk 6,48)
2. Jmexxi l-passi tagħna fit-triq: Bil-lejl, lejn id-dar, tas-sliem. (Lq 1,79)
3. In-nies fittxew lil Ġesù għax: Kielu u xebgħu, raw sinjali, ħabbewh. (Ġw 6,26)
4. Ir-raġel imfejjaq kellu: Ħamsin sena, tletin sena, aktar minn erbgħin. (Atti 4,22)
5. Mas-sitt siġill ix-xemx saret: Taħraq, sewda faħma, ħamra nar. (Apk 6,12)
6. Itolbu lil Sid il-ħsad jibgħat: Ħaddiema, karettun, minġel. (Mt 9,36)
7. Tela' fid-dgħajsa u r0riħ: Tqawwa, dar, waqaf. (Mk 6,51)
8. Dan ħareġ digriet: Pilatu, Ċesari, Awgustu, Erodi. (Lq 2,1)
9. Min ser jagħtihom l-ikel tal-ħajja: Bin il-bniedem, Pawlu, Pietru. (Ġw 6,27)
10. Il-post fejn kienu: Iddawwal, theżżeż, iġġarraf. (Atti 4,31)

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GHAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

**Ir-rebbieħ ta' Jannar 2010 huwa Juan Mifsud - Fgura**

# TISLIBA - 96



1. u 14. Iż-żejt kien f'dan. (1 Slat 1,39) **(5)**
2. Isem il-kewkba. (Apk 8,11) **(6)**
3. Imbidel tal-għażel fin. (Eż 27,18) **(5)**
4. ...ruħna magħkom. (1 Tess 2,7) **(5)**
5. Hekk għamel sal-mewt. (Fil 2,8) **(4)**
6. Kif sejħu lil dawn il-jiem. (Est 9,28) **(5)**
7. Ittir mar-riħ. (Għerf 5,9) **(5)**
8. ...lil Sidna Ġesù Kristu. (Rum 13,14) **(5)**
9. Slaten Midjanin: ..., Rekem. (Num 31,8) **(3)**
10. Qwielhom bħal dawn sodi. (Koħ 12,11) **(7)**
11. u 12. Dan huwa ħażen. (Ġak 4,16) **(6)**
13. "... u nibnuhom" (Neħ 2,18) **(6)**
14. Ara 1. **(5)**
15. Missier, ... li dawk li tajtuni. (Ġw 17,24) **(5)**
16. Imtedd u *straħ* fil-fond. (Ġona 1,5) **(5)**
17. Hi mgħargħra f'dN. (Lam 1,4) **(5)**
18. Jeqred lil din il-belt. (Sof 2,13) **(7)**
19. Minn fejn ġie Bildad. (Ġob 2,11) **(4)**
20. Dak... qabad friexnu. (Mk 2,12) **(3)**
21. U nbiddel dan. (Ġal 4,20) **(5)**
22. Din baqgħet weħidha. (Bar 4,12) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' FRAR 2010:**
***1. Nisġa; 2. Merħla; 3. Dnibt; 4. Bikri; 5. Iswa; 6. Ħaxix; 7. Idejn; 8. Ilsna; 9. Ġuħ; 10. Barrani; 11. u 12. Jaħdem; 13. Estwal; 14. Hennu; 15. Kħuri; 16. Ħlasi; 17. Awtur; 18. Ekrebel; 19. Ruħu; 20. Taw; 21. Naħor; 22. Sewwu.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: **Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir-rebbieħa ta' Jannar 2010 hija Irene Schembri Muscat - San Ġwann**



# Q.T. BENEDITTU XVI DWAR QADDISIN, MARTRI U PERSUNI TWAJBA LI TAW XHIEDA FI ĦDAN IL-KNISJA KATTOLIKA SA MILL-BIDU TAGĦHA

## San Pawl: Is-Salib jittrasforma r-realtà tal-Qima

Fuq dan it-titlu l-Q.T. Benedittu XVI bena l-katekeżi tiegħu dwar il-qima li l-Insara għandhom jagħtu lil Alla skont it-tagħlim ta' San Pawl. Skont il-Papa, fl-imgħoddi n-nies kienu jitkellmu dwar it-**"tendenza kontra l-qima"** f'dan l-Appostlu, ta' **"l-idea tiegħu ta' qima spiritwalizzata."** Illum nistgħu nifhmu aħjar kif Pawlu ra fis-Salib nixxigħat storiċi li radikalment biddlu u ġeddu r-realtà tal-qima.

Hawnhekk il-Papa jikkummenta u jagħti l-fehma tiegħu fuq tliet siltiet mill-Ittra lir-Rumani li fihom San Pawl jirreferi għall-**"mod ġdid ta' qima"**. Hu jurina kif f'kapitlu tlieta Pawlu jiddikjara li Alla ressaq lil Kristu **"bħala s-sagrifiċċju ta' espjazzjoni, tpattija, b'demmu, bis-seħħ tal-fidi."** Dan juri, jgħidilna l-Papa, li l-"qima antika bis-sagrifiċċju tal-annimali fit-tempju ta' Ġerusalem intemmet... ġiet mibdulha b'qima vera: l-imħabba ta' Alla nkarnata fi Kristu u laħqet il-milja tagħha fil-mewta tiegħu fuq is-salib." Dan mhux spiritwalizzazzjoni tal-vera qlma, Imma vera qlma Il ħadet post qlma simbolika li serviet għal xi żmien.

Il-Papa jgħaddi għall-kapitlu tnax fejn l-Appostlu Pawlu jitlob lill-Insara... **"biex għall-ħniena ta' Alla, tagħtu 'l ġisimkom bħala sagrifiċċju ħaj, imqaddes, li jogħġob lil Alla, qlma kif jixraq li tagħtu."** Fl-istess nifs il-Papa jwissina dwar il-periklu ta' xi nuqqas ta' ftehim. Dan għaliex dan il-mod ta' qima tista' faċilment tiġi interpretata f'sens moralistiku: billi noffru ħajjitna aħna stess nistgħu noħolqu qima ġdida. B'dan il-mod, qima bl-annimali hi mibdula b'moraliżmu li fih il-bniedem jagħmel kollox hu bil-qawwa morali tiegħu... u din żgur li ma kenitx l-intenzjoni ta' San Pawl!

B'għaqda ma' Kristu biss **"aħna nistgħu nsiru sagrifiċċju ħaj Fih u Bih, u noffru l-vera qima'. Ġesù Kristu, li ta lilu nnifsu lill-Missier u lilna, ma jibdilx lilna bih innifsu, imma jġorr l-eżistenza tagħna, id-dnubiet tagħna u x-xewqat tagħna fih innifsu. Hu jirrappreżentana u jassumi lilna fih. F'għaqda ma' Kristu, miksuba fil-fidi u fis-sagramenti, aħna nsiru sagrifiċċju ħaj, minkejja n-nuqqasijiet tagħna, u b'hekk niksbu "qima vera"**.

Il-Papa jgħidilna li l-Knisja: **"titlob li komunitajiet miġbura f'ċelebrazzjoni huma verament magħquda ma' Kristu... li nsiru offerta li togħġob lil Alla u tkuni glorja ta' Alla"**.

Meta ngħaddu għall-kapitlu ħamsa tal-Ittra lir-Rumani nsibu li San Pawl ifisser ix-xogħol missjunarju tiegħu qalb in-nies tad-dinja biex jibdni Knisja universali bħala xogħol ta' saċerdot u li l-għan tax-xogħol missjunarju hu, nistgħu ngħidu, liturġija kosmika: li bil-poplu kollu magħqud fi Kristu – id-dinja – tista' ssir il-glorja ta' Alla.

Benedittu XVI jagħlaq din il-Katekeżi billi jfakkarna li l-fatt li Kristu jagħti lilu nnifsu jurina li hu jrid jiġbed lil kulħadd f'komunjoni mal-Ġisem tiegħu biex jgħaqqad lid-dinja. F'komunjoni ma' Kristu biss... il-bniedem mudell, wieħed f'Alla – tista' d-dinja ssir kif nixtiquha lkoll: mera tal-imħabba divina. Dan id-dinamiżmu hu dejjem preżenti fl-Ewkaristija, dan id-dinamiżmu jrid inebbaħna u jiffurmalna ħajjitna. •



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap, Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**